# TROBBIJA POŻITTIVA

## POLITIKA STRATEĠIKA NAZZJONALI
**2016 - 2024**

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Id-Dipartiment għall-Istudji dwar il-Familja fi ħdan il-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà tal-Università ta' Malta jixtieq irodd ħajr lil diversi Ministeri, entitajiet, professjonisti, ġenituri u tfal li taw is-sehem tagħhom fil-proċess ta' konsultazzjoni wara t-tnedija tal-abbozz tad-dokument Politika ta' Malta Għal Trobbija Pożittiva.


**AWTURI**

Prof. Angela Abela
Ms. Ingrid Grech Lanfranco

**REVIŻURI KRITIĊI**

Is-Sur Joseph Abela
Ms. Claire Casha
Dott. Katya DeGiovanni
Is-Sur Daniel Mercieca
Dott. Clarissa Sammut Scerri
Dott. Sue Vella

**UFFIĊJAL TAR-RIĊERKA**

Ms. Claire Casha

**KO-ORDINAZJONI TAL-POLITIKA**

Is-Sur Joseph Borg

**TRADUZZJONI**

Charles Flores

# WERREJ


4 Daħla: Politika Nazzjonali Strateġika għal Trobbija Pożittiva
5 Kelmtejn mill-Ministru
6 Fil-Qosor
7 1. Preambolu
7 1.1. Introduzzjoni
7 1.2. Indikaturi tal-Ħtieġa Għal Politika dwar Trobbija Pożittiva
8 1.3. Definizzjoni
8 1.4. Il-Ħsieb
11 2. L-Isfond
11 2.1. Il-Kuntest Dejjem Jinbidel
12 2.2. Servizzi Attwali u l-Isfidi Quddiemna
15 3. Ħidma u Rakkomandazzjonijiet
15 3.1. Nibnu fuq is-Servizzi Attwali
16 3.2. It-Trobbija Pożittiva fis-Settur tas-Saħħa
19 3.3. Trobbija Pożittiva fil-Qasam taċ-Childcare u tal-Edukazzjoni
21 3.4. Il-Qorti tal-Familja
21 3.5. Ir-Rwol tal-MFSS fil-Politika Strateġika Nazzjonali Għal Trobbija Pożittiva
27 3.6. It-Twassil fil-Komunità ta' Programmi Dwar it-Trobbija
28 3.7. Servizzi Terapewtiċi fid-Dar
28 3.8. Taħriġ fit-Terapija Multi-Sistemika
29 4. Il-Ħolqien ta' Forum Għat-Tfal fi Ħdan l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għat-Tfal
31 5. It-Twettiq
31 5.1. Impenji Speċifiċi Għat-Twettiq
32 Referenzi

# DAĦLA: RAPPREŻENTANT SPEĊJALI TAS-SEGRETARJU ĠENERALI TAN-NAZZJONIJIET UNITI DWAR IL-VJOLENZA FUQ IT-TFAL



Il-Konvenzjoni għad-Drittijiet ta' Tfal Tan-Nazzjonijiet Uniti hija l-aktar trattat għad-drittijiet tal-bniedem li gie rratifikat. Din tkompli tikkonferma il-mod kif is-soċjeta tħares u tikkunsidra it-tfal. Dan it-trattat minn 1989 l'hawn ġie ikkumplimentat bi tlett protokolli li jieħdu inkunsiderazzjoni oqsma kritiċi fir-realiżżazjoni tad-drittijiet ta' tfal. Flimkien ma trattati internazzjonali oħra ta' drittijiet tal-bniedem, il-Konvenzjoni u il-protokolli fakultattivi joffru normattiva soda fil-fundamenti ta' prevenzjoni u jindirizzaw l-vjolenza kontra tfal f'kull forma tagħha.

Il-Konvenzjoni introduċiet viżjoni ġdida ta'tfulija, waħda fejn it-tfal ma narawhomx biss bħala riċevituri passivi għal karita jew għas-servizzi soċjali. It-tfal huma suġġetti għal drittijiet u huma aġenti għal bidla li għandhom jikbru f'ambjent ta' familja ikkaratterizzat minn atmosfera ta' ferħ, mħabba u għaqda. L-ideat ta' tfal għandhom ikunu rispettati u għandhom jiġu megħjuna u gwidati biex jiżvillupaw, ħiliet u abilitijaiet li jegħnuhom jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom b'awtonomija.

Il-Konvenzjoni tirrikonoxxi ir-rwol kruċjali li l-familja għandha fl-iżvillup u l-'benessere' ta' tfal filwaqt li tissalvagwardja id-drittijiet tagħhom inklużi id-dritt ta' protezzjoni minn vjolenza, abbuż, negliġenza u esplojtazzjoni. Fil-waqt li kull stat għandu jirrispetta ir-responsabbilita primarja li l-ġenituri jipprovdu kura u gwida li tfal tagħhom, l-istat għandu ukoll jgħin lil ġenituri fir-responsibilitajiet tagħhom ta' kura ta'tfal billi jipprovdi assistenza materjali u programm ta' għajnuna li jinkludu trobbija pożittiva u inizjattivi fi tfulija bikrija. Dan huwa kruċjali biex wieħed jipprevjeni is-separazzjoni ta' tfal mill-familja sakemm din id-deċiżjoni ma tkunx fl-aħjar interess ta' tfal.

Skond studji riċenti, aktar minn biljun tfal huma vittmi ta' vjolenza kull sena madwar id-dinja. Il-figura hija tant kbira li nistaw nħossuna megħlubin u disfatti u nistaw naqaw fi tentazzjoni li naraw il-vjolenza bħala destin. Ma għandna qatt naċettaw dan id-destin. Kif juri dan l-Istudju ta Nazzjonijiet Uniti kontra l-Vjolenza fuq it-Tfal ġie enfassiżżat għaxar snin ilu hi "Il-Vjolenza qatt ma hi iġġustifikata u tista dejjem tiġi evitata".

Għalkemm ħafna mill-inċidenti ta' vjolenza isseħħu fil-familja, il-familja hija ukoll l-ambjent idejali fejn tikkoltiva il-kultura ta paċi u non-vjolenza, sabiex it-tfal jigħallmu kif jipprevjenu u jirrispondu għal vjolenza, biex jiżvilluppaw reżiljanza u jakkwistaw ħiliet kif ilaħħqu u jitgħallmu kif isolvu kunflitti, irabbu kunfidenza u jitgħallmu jkunu ta għajnuna anke għal oħrajn li jkollhom il-ħtieġa.

Sfortunatament , il-ħajja tista tkun iebsa għal ħafna familji u livell ta' stress jista' jagħmilha aktar diffiċli biex il-ġenituri ilaħħqu, filwaqt li jikkrejaw l-aħjar ambjent għat-tfal biex dawn jilħqu il-potenzjal sħiħ tagħhom. Ċertu formi ta vjolenza, bħal dik korporali u piena umiljanti ta' tfal fl-ambitu tal-familja, għadu jiġi tollerat u anke huwa konċess minn ħafna fis-soċjeta`. Pero` ir-riċerka turi li kemm it-tfal u anke is-soċjeta` iħallsu prezz soċjali u ekonomiku għoli ħafna meta subien u bniet jesperjenzaw din it tip ta' vjolenza fit-tfulija.

Permezz tal-Politika Strateġika Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva il-Gvern Malti ħa pass kuraġuz ħafna biex ikompli jogħli l-livell u jgħin fi trobbija pożittiva . Dan joħroġ ċar l-impenn ġenwin tal-pajjiż li jikkonnserva d-drittijiet ta' tfal u jsaħħaħ il-familji. Il-politika ta' Strateġija Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva għandha l-ingredjenti neċċessarji għal integrazzjoni, inklussivita , reqqa u strateġija sostenibli biex toffri għajnuna lil familji fl-iżvillup ta` bżonnijiet fil-kura u protezzjoni ta' tfal tagħhom.

Il-parteċipazzjoni ta' tfal f'politika ta' żvillup u implimentazzjoni ħa twassal biex ma jkun hemm l-ebda dubju li tkun iffokata fuq dak li huwa ta' l-iktar importanti f'ħajjithom. Din il-politika hija wkoll pass iehor importanti sabiex Malta tilħaq il-miri tagħha sa 2030 fl-Aġenda għal Żvillup Sostenibli, speċjalment f'dawk il-miri li huma immirati lejn vjolenza bil-għan aħħari li n-nazzjon jinvesti fi tfal u jiżgura li tfal jikkbru f'ambjent mingħajr vjolenza.

Ta' bilħaqq wasal iż-żmien li tispiċċa l-vjolenza kontra tfal minn kullimkien u f'kull waqt.
Irridu nsaħħu u nappoġaw il-familji biex isiru postijiet sikuri u ċriki ta non-vjolenza. Kif aħna nimplimentaw l-Aġenda għas-Sostenibilita u l-Iżvillup aħna nkunu qed noqorbu aktar fil-mira għal dinjita għal kulħadd filwaqt li nieqfu uniti għad-drittijiet ta' tfal fil-familja u s-soċjeta. Issomma ta' din il-forza hija Xejn. Xejn tolleranza ta' vjolenza fuq it-tfal. Jiena kunfidenti li din l-Politika ġdida u importanti fl-Istrateġija Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva ħa tgħin biex naslu għal aktar numru favurit ta kullħadd- Ix-xejn.

**Marta Santos Pais** | United Nations Special Representative of the Secretary General on Violence against Children

# DAĦLA: MINISTRU GĦAL FAMILJA U SOLIDARJETA SOCJALI



Nemmnu li l-familja għandha tkun fiċ-ċentru ta' kull deċiżjoni politika. Hu għalhekk li l-ħidma tagħna trid tiffoka fuq l-għajnuna li, b'kull mod tingħata lill-familja. Huwa dan il-ħsieb wara t-tnehdija tal-'Positive Parenting Policy'.

F'pajjiżna diġa` jeżistu diversi miżuri u servizzi favur il-familja. Biss, għad hemm vojt f'xi servizzi u l-għan ta' din il-policy hu li apparti li timla dan il-vojt, ikun hemm aktar sinerġija u koordinament bejn is-setturi kollha.

Irridu li permezz tad-diversi servizzi li għandna tinbena sa mit-twelid il-bazi tar-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied. Kif ukoll nkunu ta` spalla lill-familja f'kull forma tagħha u ta' sostenn għalihom fit-trobbija tat-tfal kemm għal dawk il-familji li għandhom tfal b'imġiba diffikultuża, diżabilita`, kif ukoll oħrajn bi problemi edukattivi. Din il-Politika Strateġika Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva hija waħda f'sensiela ta' 'policies' u ligijiet biex jindirizzaw lill-familja b'enfasi fuq it-tfal.

F'din il-'policy' qegħdin nagħmlu enfasi fuq il-bżonn li s-servizzi tagħna kif ukoll servizzi oħra diġa` eżistenti fid-dipartimenti tas-Saħħa u tal-Edukazzjoni jkomplu jissaħħu. Jeħtieġ naħdmu fuq koordinament aħjar biex b'hekk t-trobbija pożittiva tibda mill-aktar kmieni possibbli. Għal dan il-għan sejra tinħatar task force minn fost l-'stake holders' kollha biex l-utenti tas-servizz ikunu jistgħu jgħaddu minn servizz għal ieħor mingħajr skossi jew burokrazija żejda.

Li jkollok 'policies', u 'policies' studjati tajba u b'konsultazzjoni wiesgħa huwa importanti, pero` huwa aktar importanti li jkollok programmi li jkunu bbażati fuq evidenza. Għal dan il-għan qegħdin nippjanaw li jiġu ntroddotti f'Malta żewġ programmi li ħallew suċċess f'pajjiżi barranin. Numru ta' ħaddiema tagħna diġa` bdew jingħataw taħriġ minn professjonisti barranin fi programm ta' Trobbija Pożittiva.

Din l-istrateġija għal Trobbija Pożittiva hija mmirata b'mod partikolari biex inkomplu nsaħħu l-familji Maltin u Għawdxin u, relazzjoni ta' bejn il-ġenituri u l-ulied biex b'hekk ikollna ġenerazzjonijiet futuri ta' suċċess b'fibra soċjali b'saħħitha fejn it-tfal ikunu ċ-ċentru tal-familji tagħna. Din se tikkumplimenta d-diversi miżuri u inizjattivi tal-Gvern li huma ntenzjonati li l-familji jimxu 'l quddiem u jgħinu lilhom infushom iqumu fuq saqajhom u joħorġu minn kull sura ta' faqar.



**Michael Farrugia**
Ministru Għall-Familja u Solidarjeta Socjali

# IL-QOSOR

Politika Strateġika Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva 2016-2024 huwa dokument imsejjes fuq il-premessa li atteġġjament pożittiv dwar it-trobbija huwa fih innifsu investiment fil-ġejjieni tas-soċjetà Maltija. Avviċinament bħal dan huwa meqjus bħala ta' benefiċċju kemm fejn jidħol l-infiq kif ukoll bħala appoġġ ewlieni għall-ġenituri meta jiġu biex jilqgħu l-isfidi tal-lum. Trobbija pożittiva hija marbuta mal-imġiba tal-ġenituri (jew t'oħrajn li jaqdu din il-funzjoni) li tpoġġi l-interessi tat-tfal bħala prijorità billi tgħinhom jikbru f'ambjent ħieles mill-vjolenza u li jwassal għal żvilupp san u f'saħħtu, waqt li tipprovdilhomil-pariri u l-appoġġ kollha meħtieġa. Il-Politika Strateġika dwar trobbija pożittiva hija speċifikament maħsuba biex tibni u tkattar kultura u infrastruttura pożittivi għall-ġenituri u wliedhom, fejn il-ġenituri jsibu l-għajnuna f'diversi modi rigward kif l-aħjar iwettqu r-rwol tagħhom.

L-iżvilupp u t-twettiq ta' din il-Politika Strateġika se jkunu mwieżna f'kuntest kulturali fejn il-bilanċ bejn xogħol u familja jingħata prijorità permezz ta' miżuri favur il-familja. Dawn jagħtu lill-ġenituri s-saħħa biex ikollhom sehem sħiħ fit-trobbija tat-tfal waqt li l-ġenituri jkunu mgħejjuna jkollhom l-għadd mixtieq ta' tfal.

Tul it-twettiq ta' din il-Politika Strateġika, qed ikunu mressqa numru ta' interventi universali li jibnu fuq is-servizzi attwali biex hekk tkun tispikka l-importanza ta' ħidma preventiva kemm mal-ġenituri kif ukoll mat-tfal. Hemm proposti wkoll numru ta' programmi evidence-based preventivi u interventivi għall-ġenituri fi stadji differenti tal-ħajja familjari.. Dawn il-programmi jinvolvu Ministeri u Dipartimenti varji bil-għan li jkun hemm sinerġija aqwa u l-provista tas-servizzi tkun tista' ssir sħiħa u mingħajr xkiel. Fir-rigward ta' ġenitur li jkunu diffiċli biex jintlaħqu jew fl-akbar riskju, hemm proposti interventi speċjalizzati u speċifiċi.

L-iskop aħħari ta' din il-Politika Strateġika huwa li jkun imtejjeb il-potenzjal għat-tisħiħ tal-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjali permezz ta' proċess kulturali kontinwu.

# 1 PREAMBOLU

### 1.1. Introduzzjoni

Din il-Politika Strateġika hija kontribut important għall-benessere tas-soċjetà tagħna kollha kemm hi. Relazzjonijiet ta' mħabba u attenzjoni fost il-membri tal-familja jħallu impatt qawwi ferm fuq l-iżvilupp tat-tfal u r-riżultati li jiksbu fil-ġejjieni. Ulied li jkunu ġejjin minn ambjenti ta' familji sodi u stabbli juru l-karatteristiċi ta' ċittadini serji, ikollhom fiduċja fihom infushom, ikunu mexxejja tajbin u soċjalment kompetenti fil-kisba ta' soluzzjonijiet għall-problemi. Il-Gvern attwali huwa mpenjat biex jgħin lit-tfal jirnexxu, mpenn imsaħħaħ bil-provista ta' għajnuna speċifika lill-ġenituri permezz tat-twettiq ta' din il-Politika.

### 1.2. Indikaturi tal-Ħtieġa Għal Politika dwar Trobbija Pożittiva

Hemm għadd ta' indikaturi li juru l-ħtieġa kbira għal Politika Strateġika Nazzjonali dwar Trobbija Pożittiva:

- Stħarriġ li sar fost 40 pajjiż parteċipant dwar l-imġiba f'dik li hi saħħa ta' tfal fl-età tal-iskola, ħareġ ċertu tagħrif allarmanti. Tfal Maltin ta' bejn il-11 u l-15-il sena spiċċaw fis-37 post dwar kemm isibuha faċli biex jitkellmu qalbhom ma'ommhom, u fl-aħħar post fi tliet kategoriji tal-età differenti dwar kemm isibuha faċli biex jitkellmu qalbhom ma' missierhom.

- Stħarriġ kwalitattiv li sar fl-2013 bil-għan li jkun studjat aktar fil-fond dan it-tagħrif wera li t-tfal huma ħerqana għal relazzjoni aktar mill-qrib mal-ġenituri tagħhom u japprezzaw l-opportunità li jitkellmu qalbhom magħhom. Madankollu wrew ix-xewqa li l-ġenituri tagħhom ikunu aktar kalmi, lesti jifhmuhom u jisimgħuhom aktar.

- In-numru ta' tfal taħt ħarsien barra mid-dar żdied b'mod allarmanti, minn 350 fl-2000 għal 592 fl-2014 (C. Farrugia Bennett, komunikazzjoni personali, Awissu 8, 2014)

- Fl-2013, waslu Malta 235 tifel u tifla mhux akkumpanjati (A. M. Pisani, komunikazzjoni personali, Settembru 4, 2014) . Din iż-żieda fil-għadd ta' tfal taħt ħarsien tkabbar il-ħtieġa għal servizzi speċifiċi ta' appoġġ għal dawn it-tfal.

Fl-2014, kważi terz (32%) tat-tfal kienu meqjusin f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali (National Statistics Office [NSO], 2015, June). Għaldaqstant, bl-adozzjoni tal-Politika Strateġika Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva, ikun qed isir investiment fit-tfal, speċjalment fl-ewwel snin tagħhom. Dan huwa aktar importanti fejn jidħlu tfal minn familji żvantaġġjati li l-livell medju konjittiv tagħhom qabel jibdew il-kindergarten huwa stmat li jkun inqas minn dak ta' tfal ġejjin minn familji fi stat soċjo-ekonomiku ogħla (Lee & Burkam, 2002).

- Fi stħarriġ Ewropew li sar, kien rappurtat li 15% tan-nisa Maltin qalu li jsofru minn vjolenza fiżika u sesswali mis-sieħeb attwali jew l-eks-sieħeb waqt li 37% tan-nisa żvelaw li għaddew minn vjolenza psikoloġika (European Union Agency for Fundamental Rights, 2014).

- Numru ta' studji li saru juru li l-investiment fi programmi li jgħinu fit-tkattir ta' trobbija pożittiva jwassal għal inqas infiq (Foster, Prinz, Sanders, & Shapiro, 2008; Sanders, Calam, Durand, Liversidge, & Carmont, 2008).

### 1.3. Definizzjoni

It-terminu "trobbija" jirreferi għal dawk ir-rwoli kollha mistennija mill-ġenituri fil-ħarsien u t-trobbija tat-tfal. Illum kiber l-aċċenn fuq it-trobbija pożittiva (Daly, 2007) u fuq l-appoġġ lill-familji meqjusin bħala f'riskju (Daly, 2013). Għalkemm fin-norma l-ġenituri huma l-figuri ewlenin li joffru ħarsien fis-soċjetà, din il-Politika Strateġika tagħraf ukoll li individwi oħra jistgħu jrabbu u jassumu rwol sinifikanti fil-ħajja tat-tfal. Dan hu rikonoxxut fid-definizzjoni formali ta' trobbija pożittiva (Daly, 2007, p.144):

***"l-imġiba ta' ġenitur/i msejsa fuq l-aħjar interessi tat-tfal billi trabbi, ssaħħaħ, ma tużax vjolenza u toffri rikonoxximent u tagħti pariri b' limiti maħsubin biex jgħinu l-iżvilupp sħiħ tat-tfal."***

Ta' min jinnota li tul din il-Politika, ma ssir l-ebda distinzjoni bejn ġenituri nisa u rġiel, waqt li fl-istess ħin huwa rikonoxxut li kull ġenitur irid ikun responsabbli indaqs fit-trobbija tat-tfal.

### 1.4. Il-Ħsieb

L-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tat-Tfal 2012-2015 (2012) u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1990) huma għejjun importanti ta' ispirazzjoni u riferenza.Mal-importanza li tagħti lill-appoġġ għall-ġenituri, l-istruttura ta' din il-Politika tħares lejn is-sehem tat-tfal bħala kontributuri attivi fil-komunikazzjoni u t-teħid ta'deċiżjonijiet. Permezz tal-konsultazzjoni mat-tfal u b'għarfien ta' dak li għandhom xi jgħidu, il-ġenituri jkunu jistgħu jiġu mgħejjuna jifhmu aħjar lil uliedhom.

Bil-għoti lill-ommijiet, il-missirijiet u oħrajn li joffru ħarsien lit-tfal ta' leħen li bih iwasslu l-fehmiet tagħhom dwar it-trobbija, din l-Istrateġija tkun qed tgħinhom  jimmobilizzaw ir-riżorsi tagħhom u jużaw il-ħiliet tagħhom biex jilqgħu għal, u jħarsu lilhom infushom minn, riskji potenzjali. L-istedina għal diskussjoni miftuħa u pożittiva dwar it-trobbija tgħin lill-ġenituri u lis-soċjetà kollha kemm hi biex jilqgħu u jixtarru kull informazzjoni u edukazzjoni dwar it-trobbija. Persuni bir-responsabbilta' ta' kura u ħarsien tat-tfal ikunu motivati biex iħarsu lejhom infushom bħala ġenituri u hekk jaslu biex jaċċetaw il-possibilità, anzi n-neċessità, li jitgħallmu l-aħjar prattiċi ta' trobbija.

Il-proċess ta' żvilupp ta' din il-Politika Strateġika għandu jsir minn isfel għal fuq, aktar milli minn fuq għal isfel. Is-servizzi ta' social welfare fi ħdan il-komunità jridu jkunu l-bażi tal-provista ta' trobbija pożittiva u l-intervent meħtieġ. Għaldaqstant, din il-Politika Strateġika trid tkun qed issostni li biex it-trobbija pożittiva tirnexxi, irid ikun aċċertat it-tisħiħ ta' u aċċessibiltà għal servizzi universali madwar Malta u Għawdex kollha.

Din il-Politika Strateġika hija konformi wkoll mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea Investiment fit-Tfal: Biex Jitrażżan iċ-Ċiklu tal-Iżvantaġġ (2013); partikolarment fir-rigward tal-ħtieġa ta' aċċenn fuq servizz ta' intervent bikri u preventiv, kura u t-tkomplija tagħha. Aktar minn hekk, din il-Politika ssegwi wkoll ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin minn disa' stati membri li attendew għal sessjoni speċjali mill-Kummissjoni Ewropea bl-iskop waħdani tal-ħolqien ta' strateġija kordinata dwar appoġġ fil-fażi tat-trobbija (Daly, 2011).

Hija indispensabbli struttura sistemika u teoretika ta' kif tittieħed il-perspettiva tar- relazzjonijiet. L-ewwel u qabel kollox, avviċinament sistemiku jgħin fl-evalwazzjoni ta' ċerti sitwazzjonijiet tal-familja minn pożizzjoni li

ma titfa' l-ħtija fuq ħadd u hekk jinftihem aħjar l-impatt li jkun hemm minn sistemi esterni, fosthom dawk fil-kuntest soċjo-kulturali li miegħu hija marbuta t-trobbija. Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' din il-Politika ikun qed tgħin fit-titjib fir-relazzjonijiet fi ħdan il-familja minflok sempliċiment fuq il-ħiliet tal-ġenituri, biex hekk ikollu effett pożittiv fuq it-tfal konċernati (Carlson & McLanahan, 2006). Hawn taħt għandna eżempju illustrattiv tal-effetti tal-ħiliet fir-rigward ta' trobbija pożittiva, u indirettament tal-ħiliet permezz ta' trobbija flimkien, fuq ir-riżultati li jiksbu t-tfal.




It-teorija tar-rabta (attachment theory) toffri struttura teoretika qawwija fil-proċess konċettwali dwar it-trobbija pożittiva. Meta t-tfal ikollhom rabta soda mal-ġenituri, jħossuhom maħbubin, imħarsa u siguri. Bħala riżultat, jikkoperaw aktar mal-ġenituri tagħhom u jħossuhom ħielsa biex jesploraw ħwejjeġ ġodda. Hekk, jinħoloq ċirku virtuż ta' mġiba pożittiva fi ħdan il-familja. Ġenituri li huma kapaċi joffru din ir-rabta sigura lit-tfal tagħhom, ikunu kapaċi wkoll jifhmu li r-rabta li hemm bejn l-imġiba tagħhom u dik ta' wliedhom hija relatata b'modi partikolarment sinifikanti mal-istat mentali tagħhom, u għandhom kapaċità għolja ta' riflessjoni (Steele & Steele, 2008).

Bl-inkoraġġiment għal determinazzjoni akbar, din il-Politika Strateġika tappoġġja lill-ġenituri biex jgħinu lil uliedhom jiksbu suċċess. Din id-determinazzjoni trid titkattar mhux biss fost il-ġenituri u l-familji tagħhom, iżda anki fost l-istituzzjonijiet u aġenziji Governattivi u privati, kif ukoll fost aġenziji indipendenti u l-komunità kollha kemm hi.



'Kuljum fil-ħajja tagħna nkunu qegħdin insostnu l-ħażna fil-memorja tat-tfal tagħna'

Charles R. Swindoll

# 2 L-ISFOND

## 2.1. Il-Kuntest Dejjem Jinbidel

The National Strategic Policy for Positive Parenting must be mindful of the cultural context in which it is to be Hu meħtieġ li l-Politika Strateġika Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva tagħraf il-kuntest kulturali li fih trid titwettaq. Is-soċjetà Maltija toffri sfond li qed jevolvi kontinwament fejn it-tisħiħ tal-globalizzazzjoni, s-sħubija fil-Unjoni Ewropea fl-2004, l-introduzzjoni tal-Liġi tad-Divorzju fl-2011, l-Abbozz ta' Liġi dwar l-IV fl-2012, l-Att dwar l-Unjonijiet Ċivili fl-2014, fost ħafna oħrajn, huma eżempji tal-bidliet soċjali mgħaġġlin li qegħdin iseħħu. Aktar minn hekk, qed jiżdiedu l-familji bi dħul doppju, speċjalment fost koppji żgħażagħ. Ir-rata ta' nisa jaħdmu telgħet għal 17% bejn l-2001 u l-2014, jiġifieri 49.3% tan-nisa kollha fl-età tax-xogħol fl-2014 (NSO, 2001, March; NSO, 2015, July).

Ir-rata ta' fertilità f'Malta fl-2014 kienet ta' 1.4 (European Commission, 2016, March), fost l-iktar rati baxxi ta' fertilità fl-Ewropa. Skont esperti fid-demografija bħal Kohler, Billari, u Ortega (2001), b'rata totali ta' fertilità ta' 1.3, il-popolazzjoni ta' pajjiż tkun mistennija tonqosbin-nofs f'perjodu ta' 45 sena.

Waqt li l-provista ta' ħarsien mill-aqwa tat-tfal permezz taċ-childcare tgħin, min-naħa l-oħra s-sigħat twal ta' xogħol ma jinkoraġġixxux t-tnissil tat-tfal. Biż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, żdiedu wkoll l-importanza u d-domanda għal servizzi taċ-childcare. Madankollu, l-ġenituri Maltin għadhom jippreferu jiddependu fuq il-qraba, bħan-nanniet, għall-ħarsien ta' wliedhom. Skont statistika dwar iċ-childcare fl-2012 (NSO, 2014, May), il-ħarsien tat-tfal minn nanniet, qraba oħra, ħbieb u ġirien laħqet il-medja ta' madwar 17-il siegħa fil-ġimgħa.

Skont statistika nazzjonali għall-2010, 25.2% tat-twelid seħħ barra ż-żwieġ, figura li tirrifletti żieda kontinwa ta' familji mhux tradizzjonali (NSO, 2011). L-ogħla rata ta' riskju ta' faqar skont it-tip ta' familja hija attribwita lil familji b'ġenitur wieħed b'47.6% fir-riskju ta' faqar (NSO, 2014, May). Fid-dawl ta' dawn il-bidliet u xejriet, il-ħtieġa li jingħata appoġġ fit-trobbija lill-ġenituri Maltin qed issir kruċjali.

Skont l-aħħar ċensiment li sar fl-2011 (NSO, 2014), 8.12% tal-miżżewġin kienu nfirdu; waqt li 1.01% oħra kienu ddivorzjaw. Fir-rigward tat-trobbija, s-separazzjoni hija biss sitwazzjoni ewlenija waħda, li l-membri tal-familja jridu jiffaċċjaw u li tqanqal inkwiet u ġlied fil-familja. Barra minn hekk, l-esperjenza wriet li numru minn dawn il-familji jibdew jgħixu f'ambjent ta' familja rikostitwita. Ir-riċerka turi li "l-arranġamenti u sitwazzjonijiet li jseħħu maż-żmien wara d-divorzju kemm għall-ġenituri kif ukoll għall-ulied, ikunu jfissru, hekk kif iseħħu t-transizzjonijiet fiż-żwieġ u r-rijorganiżżazjoni tal-familja, aktar stress għall-familji u din l-esperjenza tirdoppja r-riskju ta'problemi serji fit-tfal"(Greene, Anderson, Forgatch, DeGarmo, & Hetherington, 2012, p. 103). Madankollu, hemm familji li fihom din l-esperjenza kellha l-aspett pożittiv tagħha (ara Farrugia, 2014, għal studju kwalitattiv dwar koppji f'Malta li reġgħu żżewġu  wara d-divorzju).

Fl-2014, kien hawn 232 tifel u tifla taħt servizz ta' 'ostering, 33 taħt servizz ta3fostering speċjalizzat, 242 f'ċentri residenzjali, waqt li 85 tfal oħra kellhom arranġamenti differenti (C. Farrugia Bennett, komunikazzjoni personali, Awissu 8, 2014) . Fl-2013, 235 minuri mhux akkumpanjati kienu waslu Malta (A. M. Pisani, komunikazzjoni personali, Settembru 4, 2014). Fil-preżent m'hawnx biżżejjed foster carers, biex ilaħħqu maawnx biżżejjed . F'sensiela ta' tliet studji fuq tfal taħt il-ħarsien barra d-dar, kummissjonati mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal (Abela, Abdilla, et al., 2012), kien sostnut li fil-maġġoranza tal-każi, l-kawża ewlenija għala t-tfal jispiċċaw taħt ħarsien kienet minħabba kwistjonijiet direttament marbutin mat-trobbija. Dan juri li numru ta' ġenituri ikollhom quddiemhom sfidi kbar u jeħtieġu l-appoġġ.

Fl-2010 l-għadd totali ta' adozzjonijiet minn koppji Maltin kien ilaħħaq 74 (NSO, 2011). Aktar minn hekk, skont l-aħħar ċensiment fl-2011, 6.99% tat-tfal bejn 0 u 18-il sena kienu rrappurtati li kellhom kundizzjoni ta' mard jew nuqqas ta' saħħa fit-tul. Meta tara dan, issir essenzjali l-ħtieġa li jkun hemm appoġġ fit-trobbija lil dawn il-familji, biex ikunu jistgħu jadattaw ruħhom u jigu melgħuba  diffikultajiet  u/jew sfidi li jinqalgħu minħabba dawn iċ-ċirkustanzi.

L-introduzzjoni f'Malta tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Unjonijiet Ċivili f'April 2014 ġabet magħha l-kwistjoni ta' koppji tal-istess sess li jkunu jixtiequ jsiru ġenituri. Waqt li 41% tal-popolazzjoni Maltija kienu favur il-liġi (Vella, 2012, June 5), l-adozzjoni minn ġenituri tal-istess sess sfat kritikata. Tispikka għalhekk il-ħtieġa ta' kampanja edukattiva, li permezz tagħha tkun indirizzata din l-istigma kontra trobbija minn persuni tal-istess sess (Zammit, 2014, February 18).

Iż-żieda fiż-żwiġijiet inter-kulturali (mħallta) u n-numru ta' familji multi-kulturali li hawn jgħixu f'Malta jagħmlu aktar meħtieġ avviċinament kulturalment sensittiv fir-rigward ta' trobbija pożittiva. Fl-2011, 4.9% tal-popolazzjoni ta' Malta kienet magħmula mill-barranin (NSO, 2014) u fiha hemm miġbura għażla wiesgħa ta' kulturi minn kontinenti differenti.

Dan il-kuntest dejjem jinbidel, jitlob aktar riċerka lokali meta tqis kemm hija nieqsa l-istatistika, partikolarment fejn jidħlu gruppi speċifiċi fil-popolazzjoni, bħal m'huma familji rikostitwiti, familji tal-istess sess bit-tfal, u żwiġijiet ġodda.

## 2.2. Servizzi Attwali u l-Isfidi Quddiemna

Hemm numru ta' inizjattivi li ttieħdu u li jirriflettu x-xejra lejn l-introduzzjoni tal-idea ta' trobbija pożittiva fis-soċjetà tagħna. Bidla importanti li saret fil-Kodiċi Kriminali kienet it-tneħħija riċenti tal-permessibilità fejn jidħol swat moderat bħala kastig: "…swat tal-ġisem ta' kull tip għandu dejjem jitqies li jkun barra mill-qies" (Artiklu 339h tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).  Din il-bidla bla dubju toħloq linja ta' demarkazzjoni ġdida fil-limiti tal-ġenituri meta jiġu biex jiddixxiplinaw lit-tfal tagħhom, għandhom kemm għandhom età.

Iż-żieda fl-appoġġ lill-ġenituri li jidħlu fis-suq tax-xogħol hija wkoll mezz importanti kif ikunu mħarsin it-tfal u l-benessere tagħhom assigurat. Dan jinkludi l-ftuħ ta' aktar ċentri taċ-childcare, miżura li toffri opportunità lill-ġenituri li m'għandhomx appoġġ adegwat biex jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum, biex titjieb il-kwalità tal-ħajja tagħhom u tonqos il-possibiltà ta' riskju ta' faqar. Mill-2014, is-servizz  ta' childcare beda jingħata b'xejn lil ġenituri li jaħdmu taħt skema ġdida tal-Gvern. Dan is-servizz b'xejn jingħata skont l-għadd ta' sigħat li l-ġenituri jkunu jaħdmu. Dawn l-inizjattivi huma maħsubin biex iħajru lill-ġenituri jsibu xogħol waqt li jibqgħu jieħdu ħsieb il-benessere tat-tfal tagħhom. Il-ftuħ tal-iskola tas-sajf (Skolasajf) u l-introduzzjoni tas-servizz ta'

wara l-ħinijiet tal-iskola (Klabb 3-16) għal tfal fl-età ta' l-iskola, li wkoll huma b'xejn, joffru mod ieħor kif ikunu appoġġjati l-ġenituri u indirettament iħeġġuhom biex isibu mpjieg.

Matul is-snin, ittieħdu diversi miżuri mill-Gvern Malti favur il-familja bil-ħsieb li l-ġenituri jkollhom aktar ħin jieħdu ħsieb il-familja tagħhom. Dawn jinkludu l-leave taż-żwieġ, tal-maternità, tal-paternità, tal-ġenituri, tal-adozzjoni, tal-fostering, tar-responsabbiltà, filwaqt li tneghdew miżuri bħal ħinijiet tax-xogħol imnaqqsa, ħinijiet tax-xogħol flessibli (flexi-time), sħubija fl-impjieg (job-sharing) u xogħol mid-dar (tele-working). Madankollu, is-servizzi favur il-familja huma neqsin sewwa fis-settur privat.

Il-Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali 2014-2024 (Ministry for the Family and Social Solidarity, 2014) hija wkoll pass importanti fid-direzzjoni t-tajba. Bl-aċċenn tagħha fuq dħul adegwat, swieq inklussivi tax-xogħol u aċċess għal servizzi ta' kwalità, twitti t-triq biex titrażżan il-problema ta' tfal fil-faqar billi toffri appoġġ lill-familji bit-tfal.

Fejn jidħlu s-servizzi tas-saħħa u ħarsien tat-tfal u l-familji, l-pajjiż igawdi minn infrastruttura bażika tajba li żviluppat matul dawn l-aħħar snin. Fost dawn hemm is-servizzi ta' viżti (check-ups) għal ġenituri li jkunu qegħdin jistennew tarbija, viżti ta' wara t-twelid, u l-kliniki Well Baby fil-komunità u servizzi oħra wara meta t-tfal ikunu l-iskola permezz tas-Servizzi tas-Saħħa tal-Iskola. L-iskejjel ukoll joffru għażla wiesgħa ta' servizzi permezz ta-Ċentru għal Servizzi Psiko-Soċjali. In-Neonatal Paediatric Intensive Care Unit (NPICU) u ċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) joffru appoġġ lil tfal bi problemi ta' diżabilità u/jew saħħa waqt li ċ-Child Guidance Clinic (CGC) tgħin lit-tfal li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet psikoloġiċi. L-Fondazzjoni għas-Servizzi u Ħarsien Soċjali (FSWS) ukoll tagħti appoġġ lil tfal u familji bi problemi ta' natura psiko-soċjali. Il-Politika Strateġika Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva għandha l-għan li tkompli tibni fuq l-infrastruttura eżistenti sabiex tiffaċilitizza u torganizza l-operat tas-servizzi f'Malta.



'Fl-aħħar mill-aħħar, l-aqwa mogħdija għas-suċċess tat-tfal huwa s-sehem pożittiv tal-ġenituri'

Jane D Hull

# 3 ĦIDMA U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## 3.1. Nibnu fuq is-Servizzi Attwali

### 3.1.1. Sinerġija Aħjar Bejn is-Servizzi

L-infrastruttura li tikkordina, tiffaċilita u ssegwi l-operat fil-provista ta' diversi servizzi offruti f'Malta teħtieġ tkun imtejba. Skont l-istruttura preżenti, s-servizzi jingħataw b'mod indipendenti minn xulxin, li jirriżulta fi frammentazzjoni (Government of Malta, 2002; National Family Commission, 2002). It-triq quddiemna titlob li jkun hemm sinerġija aħjar bejn il-Ministeri tal-Gvern, esperti fil-qasam u entitajiet oħra. Din il-kordinazzjoni tgħin biex tkun evitata d-duplikazzjoni fl-isforzi u l-provista ta' servizzi, biex hekk isir l-aħjar użu minn servizzi u riżorsi eżistenti. Għawdex huwa każ partikolari fejn servizzi importanti huma neqsin u fejn m'hemmx biżżejjed professjonisti fil-qasam biex jipprovduhom bl-aħjar mod. Dan ifisser li l-Għawdxin ikollhom jew jinżlu Malta inkella jgħaddu mingħajr l-appoġġ li jeħtieġu u jistħoqqilhom. Biex nagħtu eżempju, f'Għawdex sal-lum hemm ċentru wieħed biss għall-ħarsien tat-tfal (childcare), fil-Għarb. Il-Parentcraft Services m'humiex estensivi daqs dawk offruti f'Malta u għal viżta konsultattiva l-ġenituri ta' tfal b'diżabilità huma mistennija li jieħdu 'l uliedhom fis-CDAU tal-Isptar Mater Dei.

Bil-għan li jikbru l-għarfien u l-informazzjoni dwar it-trobbija pożittiva, hemm ħtieġa ta' aktar taħriġ professjonali kontinwu għal professjonisti varji fil-livelli differenti ta' kura u servizzi. Dan it-taħriġ irid jieħu in konsiderazzjoni metodi sistemiċi ta' kif jinkorpora u jindirizza l-kultura ġdida tax-xogħol, ir-realtà ġdida tal-immigrazzjoni, u l-importanza tat-taħriġ fid-diversità kulturali.

**Ħidma**

**Tinħatar Task Force immexxija mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali b'kordinazzjoni ma' rappreżentanti ewlenin ta' Ministeri tal-Gvern relevanti, li għandhom sehem ewlieni fil-ħidma fost it-tfal u l-ġenituri tagħhom, flimkien ma' akkademiċi li jispeċjalizzaw f'dan il-qasam. It-Task Force għandha tassumi r-responsabbiltà li twitti t-triq għat-twettiq ta' din il-Politika Strateġika.**

**Sistema kompjuterizzata li tkun tinkludi tagħrif bażiku dwar l-aċċess tal-klijenti għal servizzi varji biex hekk tkun evitata l-frammentazzjoni u titkattar kordinazzjoni aqwa tas-servizzi fost il-professjonisti. Sistema bħal din trid issir b'konformità mar-regoli stipulati mill-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data.**

**Din il-Politika Strateġika tipproponi servizzi li jilħqu lil dawk il-ġenituri li qegħdin jgħixu f'xifer is-soċjetà u li x'aktarx ma jersqux biex jagħmlu użu mis-servizzi attwali permezz tal-programm LEAP kif ukoll permezz ta' servizzi li jaqgħu taħt il-Ministeru għas-Saħħa. Dawn għandhom jinkludu żjarat fid-djar minn professjonisti mħarrġa fil-qasam meħtieġ.**

**Din il-Politika Strateġika tipproponi aktar servizzi għat-tfal u l-familji f'Għawdex. Is-Social Development Centre li nfetaħ u ċ-Ċentri għar-Riżorsi tal-Familja (FRCs) li mistennija jinfetħu, flimkien mas-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni għandhom jipprovdu servizz aktar komprensiv lill-familji Għawdxin.**

**It-Task Force għandha tiżviluppa programmi ta' taħriġ flimkien ma' skeda ta' twettiq. Aktar minn hekk, jintlaħaq ftehim ta' sħubija ma' korpi barranin ta' reputazzjoni fil-qasam tat-trobbija pożittiva u jinbdew korsijiet li jħarrġu lil min ikun se jħarreġ.**

### 3.2. It-Trobbija Pożittiva fis-Settur tas-Saħħa

Is-settur tas-saħħa għandu rwol vitali fit-twettiq tal-Politika Strateġika Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva.

#### 3.2.1. Servizzi Outpatient ta' Qabel il-Ħlas

L-ommijiet jiġu uffiċjalment reġistrati waqt laqgħa introduttorja mal-qabla u viżta mill-konsulent fis-Servizzi Outpatient ta' Qabel il-Ħlas. Din l-ewwel laqgħa tista' ssir f'kull stadju taż-żmien ta' tqala qabel il-ħlas. Għandu jsir screening regolari tal-benessere tal-omm tqila u jsir aċċenn fuq l-istat tar-relazzjonijiet bejn il-ġenituri tat-tarbija mhux imwielda. Dawk il-ġenituri fil-bżonn ta' appoġġ speċjalizzat għandhom ikunu riferiti għas-servizz rilevanti.

**Ħidma**

**Screening regolari tal-istat tas-saħħa mentali tal-omm tqila u ta' xi sitwazzjonijiet diffiċli fid-dar minn fejn tkun ġejja għandu jsir b'mod sistemiku u jifforma parti mill-ewwel valutazzjoni li ssir mill-qwiebel meta l-ommijiet jirreġistraw għall-ewwel appuntament tagħhom fis-Servizzi Outpatient ta' Qabel il-Ħlas. Ġenituri li jkunu jeħtieġu għajnuna speċjalizzata għandhom ikunu riferiti għas-servizz propizju.**

#### 3.2.2. Parentcraft Services

Il-ġenituri jistgħu jagħmlu użu mill-Parentcraft Services li huma offruti bħala parti minn dawk ta' qabel il-ħlas fl-Isptar Mater Dei. Il-korsijiet normalment isiru fl-Isptar Mater Dei. Minkejja l-fatt li jkun hemm bejn erba' u ħames korsijiet għaddejjin fl-istess ħin, l-gruppi miġburin ikunu mdaqqsin sewwa, magħmulin minn 16 sa 20 koppja kull wieħed. F'dawn il-klassijiet l-għan ewlieni hu li jedukaw u jżommu infurmati lill-ġenituri dwar x'għandhom jistennew fl-ewwel stadju tat-tqala, kif ukoll dwar it-twelid biex ikunu mħejjija għall-proċess ta' ħlas tajjeb u sigur, kif tredda' u tieħu kura tat-tarbija. Servizzi ġodda jinkludu wkoll sessjonijiet għan-nanniet, li jaf ikun hemm bżonn jiġu offruti anki matul tmiem il-ġimgħa jew fl'għaxijiet għal dawk in-nanniet li jkunu għadhom jaħdmu. Hemm ukoll gruppi li jagħtu korsijiet fil-ħiliet tal-ġenituri wara t-tqala meta jiġu biex jieħdu ħsieb it-tarbija. Skont l-istatistika dwar il-korsijiet tal-Parentcraft, joħroġ li madwar 96% tal-ġenituri li jkollhom l-ewwel wild jattendu volontarjament għal dawn il-korsijiet (Borg Xuereb, 2008). Fid-dawl tal-importanza li din il-Politika tagħti lis-servizzi ta' outreach, għandu jsir kull sforz biex jintlaħqu dawk il-ġenituri li jkun se jkollhom l-ewwel wild fl-Isptar Mater Dei bla ma jkunu attendew għall-korsijiet offruti mill-Parentcraft Services u li, meta kkuntatttjati, jiżvelaw li ma jkunux għamlu xi kors ieħor offrut minn entità privata.

**Ħidma**

**Għandu jsir kull sforz biex jintlaħqu dawk il-ġenituri li jkollhom l-ewwel wild u li ma jkunux attendew għall-korsijiet offruti mill-Parentcraft Services**

**Jiġi mniedi programm imsejjaħ Family Foundations Programme li hu evidence-based (Feinberg & Kan, 2008). Dan il-kors huwa mqassam fuq 9 sessjonijiet; 6 sessjonijiet qabel il-ħlas u 3 sessjonijiet wara l-ħlas.**

### 3.2.3. Servizzi Għal Ġenituri ta' Tfal b'Diżabiltà

Tista' tkun sfida qawwija għal ġenitur biex jaċċetta/taċċetta wild b'diżabiltà. Dawn il-ġenituri jistgħu jkunu jeħtieġu għajnuna psikoloġika immedjatament biex tgħinhom jaċċettaw u jrabbu b'suċċess it-tifel/tifla b'diżabltà. Maż-żmien ikunu jistgħu jiġu provduti wkoll opportunitajiet ta' appoġġ lil dawn il-ġenituri f'diffikultajiet li jista' jkollhom fil-ġarr ta' dan il-piż tul ħajjithom. Il-professjonisti jeħtieġ ikunu mħarrġin fil-mod ta' kif jagħtu din l-aħbar u fil-mod kif jagħtu aktar saħħa u jappoġġjaw lill-ġenituri biex irabbu tifel/tifla b'diżabiltà.

L-NPICU u s-CDAU joffru servizz lill-ġenituri li jkollhom tfal b'diżabiltà. L-NPICU jieħu ħsieb it-trabi u tfal ta' tliet snin jew inqas li jkunu jeħtieġu trattament intensiv ħafna. Skont l-aħħar ċensiment li sar fl-2011, kien rappurtat mill-ġenituri nfushom li 6.99% tat-tfal bejn il-0 u t-18-il sena kellhom kundizzjoni ta' mard/saħħa fit-tul. Is-CDAU joffri s-servizzi tiegħu, permezz ta' tim multi-dixxiplinarju, lil ġenituri bħal dawn u t-tfal tagħhom.

**Ħidma**

**Bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, professjonisti li jaħdmu fi ħdan l-NPICU u s-CDAU se jingħataw taħriġ dwar kif jagħtu l-aħbar lil ġenituri ta' tfal b'diżabiltà. Taħriġ ieħor offrut se jkun dwar kif isaħħu u jappoġġjaw lill-ġenituri fit-trobbija ta' tfal b'diżabiltà. Il-Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Diżabiltà (KNPD) se tipprovdi dan it-taħriġ.**

### 3.2.4. Il-Perinatal Clinic

Il-Perinatal Clinic toffri assessjar u interventi psikosoċjali kif ukoll kura psikjatrika u psikoloġika għan-nisa matul it-tqala u l-perjodu ta' wara l-ħlas.

**Ħidma**

**Il-Perinatal Clinic għandha bżonn ikollha fl-impjieg psikologu li jispeċjalizza fil-psikoterapija għall-ġenituri u t-tfal, bir-rwol tiegħu jkun li jappoġġja lill-ġenituri billi jgħinhom fit-trobbija u jtejjeb ir-relazzjoni ta' bejn il-ġenituri u t-tfal.**

**Il-Perinatal Clinic tibda toffri servizzi fil-komunità bil-għan li jkun hemm aċċess aħjar għall-ġenituri u l-familji.**

**Isir screening għal dipressjoni ta' wara t-tqala (postnatal depression) ma l-ewwel żjara fil-Well Baby Clinics (wara sitt ġimgħat mill-ħlas). Dawk bi problemi ta' saħħa mentali jkunu riferiti għas-Servizz Perinatali tas-Saħħa Mentali għal għajnuna speċjalizzata u appoġġ.**

**Dan is-servizz għandu jinbeda fil-Mosta fi sħubija mas-servizz tal-Well Baby Clinic, il-Parentcraft Services u s-Social Development Centre tal-Qawra.**

### 3.2.5. Il-Well Baby Clinics

Perċentwal għoli ta' trabi jittieħdu fil-Well Baby Clinics ta' wara t-twelid ġewwa l-Isptar Mater Dei, inkella fil-kliniki tal-komunità. L-attendenza hija ta' madwar 83%, li hija relattivament għolja. Dawn il-kliniki jiffukaw fuq "il-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tal-iżvilupp tat-tfal u pariri dwar titqib u ikel" (irreferi għal https://ehealth.gov.mt).

**Ħidma**

**Il-Well Baby Clinics jibdew joffru servizz aktar kordinat fi sħubija mal-Parentcraft Services, il-Perinatal Clinic, u l-FRCs.**

**Hu rakkomandat li jkun hemm servizz ta' outreach biex jintlaħqu dawk il-ġenituri li ma jmorrux fil-Well Baby Clinic jew għand pedjatra privat. F'sitwazzjoni ta' trabi li jkunu qegħdin jgħixu f'ċirkustanzi diffiċli, il-familji għandhom ikunu riferiti għaċ-Childcare Centres.**

**Meta l-ġenituri jagħmlu l-ewwel żjara bit-tarbija ta' sitt ġimgħat, l-ommijiet għandhom ikunu screened għal dipressjoni ta' wara t-tqala. Għal dan l-iskop, l-infermiera jkunu jistgħu jaddottaw l-Edinburgh Postnatal Depression Scale. Ommijiet li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet ta' saħħa mentali għandhom ikunu riferiti għall-Perinatal Clinic.**

**Il-psikologi għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-benessere taż-żewġ ġenituri meta jmorru għat-tieni viżta bit-tarbija ta' tmien xhur meta l-livell ta' stress bejn il-ġenituri jkun mistenni jogħla 'l fuq (Borg Xuereb, 2008). Għall-ġenituri għandu jkun amministrat il-Parental Stress Index. Ġenituri bi stress ikunu riferiti għal wieħed mill-programmi dwar it-trobbija li jsiru fil-komunità. Dawn il-programmi jitmexxew mill-MFSS.**

**Huwa rakkomandat li dan il-proġett ikun evalwat wara l-ewwel 12-il xahar u jekk jitqies li kien ta' benefiċċju, jinbdew servizzi simili fiċ-ċentri l-oħra tas-saħħa.**

### 3.2.6. Tfal b'Imġiba ta' Sfida

Sal-llum għadu ma sar l-ebda xogħol li jinvolvi intervent bikri ma' tfal b'imġiba ta' sfida jew ġejjin minn familji bi sfond diffiċli. Minħabba f'hekk, numru minn dawn it-tfal jispiċċaw fil-Kids in Development Programme (KIDs) jew fil-Young People's Unit (YPU) ġewwa l-Isptar Monte Carmeli jew f'dar għat-tfal. Meta jitpoġġew f'dawn il-postijiet, huma ftit wisq il- programmi li jistgħu jgħinuhom jerġgħu jintegraw mal-familji tagħhom.

**Ħidma**

**Din il-Politika Strateġika tirrakkomanda biex il-kura ta' adoloxxenti b'imġiba ta' sfida ssir fi ħdan komunità terapewtika, lil hinn minn ambjent psikjatriku.**

**Se jitwaqqaf programm terapewtiku strutturat ta' durata fissa li jiffoka fuq il-persuni żgħażagħ u l-integrazzjoni mill-gdid tagħhom fl-iskola u l-familja.**

**Għandu jkun imħeġġeġ żvilupp tal-foster care bil-ħsieb li jkunu milqugħa dawk iż-żgħażagħ li ma jistgħux imorru lura mal-familji tagħhom**

### 3.3. Trobbija Pożittiva fil-Qasam taċ-Childcare u tal-Edukazzjoni

#### 3.3.1Trobbija Pożittiva fil-Qasam taċ-Childcare

Iċ-childcare centres inbidlu f'ambjenti li għandhom rwol kruċjali fil-għoti ta' appoġġ relevanti li jkun jilħaq familji bit-tfal. Ġenituri li jaħdmu u dawk fl-edukazzjoni huma eliġibbli għall-Iskema ta' Childcare b'Xejn għal numru stipulat ta' sigħat. Servizzi ta' childcare għal tfal li jkunu ġew riferiti minn xi professjonist jingħataw ukoll prijorità, u f'dan il-każ, il-ħlas mitlub ikun imnaqqas skont il-mezzi tal-familja.

Din il-Politika Strateġika għandha l-għan li tagħti prijorità lil tfal li jkunu qed jgħixu fir-riskju tal-faqar u/jew f'ċirkustanzi diffiċli. Intervent bikri jkun iħoll u jorbot f'dan ir-rigward. L-aħħar riċerka fin-newroxjenza dwar l-iżvilupp tal-moħħ turi li ambjent ta' faqar, stress fuq il-ġenituri, u problemi ta' saħħa mentali minħabba nuqqas ta' mezzi, jista' jkollhom effett negattiv fuq l-iżvilupp konjittiv u emozzjonali tat-tfal. Sa minn 18-il xahar, ikun diġa' jista' jitbassar kif tifel jew tifla jkunu se jmorru fl-iskola (Abela & Renoux, 2014).

Aspett importanti ieħor li jeħtieġ ikun indirizzat fil-kuntest ta' servizzi ta' kura u ħarsien għat-tfal huwa dak li jkattar relazzjoni bejn dawk li jkunu qegħdin primarjament joffru l-kura u l-ħarsien u t-tfal. Din ir-rabta hija aktar importanti għall-iżvilupp tat-tfal meta t-tfal ikunu qegħdin jgħixu fil-faqar u żvantaġġjati peress li dawn it-tfal huma f'riskju akbar li jinqatgħu fi stadju bikri mill-iskola (Moullin, Waldfogel, & Washbrook, 2014). Sal-lum is-servizzi taċ-childcare f'Malta ma jagħtux prijorità lil din ir-relazzjoni, u l-attivitajiet mal-ġenituri huma ftit wisq. Il-provista ta' interventi fit-tfulija għandha tkun disinjata b'mod li ma sseħħx biss fiċ-ċentru taċ-childcare, iżda anki fl-ambjent tad-dar, peress li ż-żjarat fid-djar għandhom potenzjal li jilħqu lil dawk il-ġenituri fix-xifer tas-soċjetà.

**Ħidma**

**Ġenituri ta' tfal żgħar li jgħixu f'kundizzjonijiet vulnerabbli fosthom dawk li jkunu qegħdin isofru minn problemi ta' saħħa mentali, għandhom jingħataw prijorità meta japplikaw għaċ-childcare u jibqgħu segwiti fil-Perinatal Clinic jew fl-FRCs.**

**Aktar minn hekk, il-ġenituri kollha li jkollhom it-tfal fiċ-childcare għandhom ikunu mdaħħlin attivament fil-kura tat-tfal tagħhom, anki jekk jinħass il-bżonn li jkun hemm żjarat fid-djar. Dan l-involviment huwa aktar meħtieġ fil-kuntest ta' familji li jgħixu fl-avversità fejn ir-rabta emozzjonali mat-tifel/tifla tkun nieqsa, jew fejn ikun hemm sinjali ta' traskuraġni jew abbuż tat-tfal.**

#### 3.3.2 Trobbija Pożittiva fil-Qasam tal-Edukazzjoni

Fejn jidħlu kwistjonijiet marbuta mat-tfal u l-ġenituri, l-iskejjel huma minjiera tad-deheb li tista' tkun sfruttata biex tipprovdi għadd ġmielu ta' opportunitajiet u servizzi lit-tnejn. Servizzi ġodda għandhom jindirizzaw lil dawk il-ġenituri bi problemi fir-relazzjoni ta' bejniethom u li jeħtieġu appoġġ biex irabbu lil uliedhom b'mod aktar effettiv. L-appoġġ jista' jkun meħtieġ ukoll hekk kif it-tfal jibdew jikbru, speċjalment fis-snin tal-adoloxxenza, u f'sitwazzjonijiet fejn it-tfal jibdew juru mġiba ta' sfida. F'dawn is-sitwazzjonijiet kollha, hemm ħtieġa ta' konċentrazzjoni akbar fuq ir-relazzjonijiet bejn il-ko-ġenituri u l-kwalità tar-relazzjoni taż-żewġ ġenituri ma' wliedhom.

Avviċinament mill-iskola kollha kemm hi huwa indispensabbli fil-proċess ta' tisħiħ min-naħa tal-ġenituri.. L-istaff li joffri appoġġ fl-iskola u t-timijiet maniġerjali ewlenin għandhom jaħdmu flimkien mal-ġenituri billi jsawru relazzjonijiet ġenwini magħhom u jsiru jafuhom aktar mil-lat personali. Dan l-appoġġ jeħtieġ li jkun ta' natura sistemika li ma tkunx indirizzata biss lejn l-istaff tal-iskola, li jista' jkollu bżonn l-ispazju biex jirrifletti u jiddiskuti l-interventi meħtieġa, iżda anki lejn il-ġenituri u wliedhom.

**Ħidma**

**Huwa indispensabbli li jkun hemm avviċinament mill-iskola kollha kemm hi biex il-ġenituri jibdew iħossuhom imsieħba importanti fl-edukazzjoni ta' wliedhom.**

**L-istaff kollu għandu jibni relazzjonijiet ġenwini u ta' kollaborazzjoni mal-ġenituri speċjalment dawk li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' ċirkustanzi avversi u li għaddejjin minn diffikultajiet kbar biex jagħtu priorità lill-bżonnijiet ta' wliedhom.**

### 3.3.3. Il-Ħtieġa ta' Programmi Għall-Ġenituri

Fl-iskejjel hemm offruti programmi dwar il-ħiliet tal-ġenituri, imma għalihom x'aktarx jattendu dawk il-ġenituri motivati, l-aktar l-ommijiet, u m'humiex imsejsa fuq l-evidenza. L-MFSS qed jipproponi li jinvesti fi programmi għall-ġenituri li huma msejsa fuq l-evidenza bħala parti mill-Politika Strateġika Nazzjonali għal Trobbija Pożittiva. Programmi speċifiċi għall-ġenituri se jkunu offruti lil sezzjonijiet speċifiċi tal-popolazzjoni bħall-Family Foundations Programme għal familji li jkunu qegħdin jistennew it-twelid ta' tarbija jew il-Focus on Kids Programme għal ġenituri li jkunu għaddejjin minn separazzjoni. Programm ieħor li se jiġi offrut għal ġenituri bi tfal dipendenti huwa l-Parents as Partners Programme (PasP) li huwa iktar preventiv u jiffoka fuq l-importanza tar-relazzjoni bejn il-ġenituri. Il-Multisystemic Therapy Programme (MST) joffri mudell ta' intervent fid-dar f'kuntatt mal-iskejjel, il-familja u l-komunità u jiffoka fuq problemi serji ta' mġiba. L-aħħar żewġ programmi se jkunu offruti permezz ta' FRCs varji li waqqaf l-MFSS u fi ħdan il-Unit għal Servizzi Psikoloġiċi li jiffurmaw parti mill-Family Welfare Services tal-FSWS. Estensjoni ta' dan is-servizz tkun tista' tiġi offruta fl-iskejjel kemm-il darba r-riċerka u żieda fil-konkorrenza juru li hi aktar meħtieġa u effettiva. Se jkun offrut ukoll l-Incredible Years Programme. Dan il-programm jaċċenna fuq interazzjoni aktar pożittiva tal-ġenituri ma' wliedhom u fuq kif tista' tinbidel ir-reazzjoni tal-ġenituri għal imġiba speċifika tat-tfal.

Barra minn hekk, il-ġenituri jkunu jistgħu jibbenefikaw ħafna mill-opportunità li jattendu fi ħdan gruppi ta' self-help, u hekk ikunu jistgħu jiltaqgħu u jkunu f'kuntatt ma' ġenituri oħra (Abela, Farrugia, Casha, Galea, & Schembri, 2013). In-nanniet sikwit qegħdin jassumu r-responsabbiltà tat-tfal wara l-ħinijiet tal-iskola u waqt il-btajjel. L-iskejjel għalhekk jeħtieġ jersqu aktar lejn in-nanniet, l-aktar dawk li jkollhom rwol attiv fil-kura u l-ħarsien tan-neputijiet tagħhom, permezz ta' korsijiet speċifikament għalihom. Jekk in-nanniet jinzertaw ukoll fir-rwol ta' ko-ġenitur/i, dawn għandhom ikunu mistednin jattendu għall-programm għall-ġenituri.

**Ħidma**

**Fejn tinhass il-htiega il-ġenituri għandhom ikunu attivament imħajra jattendu l- korsijiet dwar trobbija pożittiva fl-iskejjel jew fl-FRCs.**

**Nanniet li jkunu fi rwol ta' kważi ġenituri jistgħu jingħaqdu mal-ġenitur wieħed/waħda (single parents) fil-programm għall-ġenituri.**

**Gruppi ta' self-help għall-ġenituri għandhom jinħolqu kull meta tinħass il-ħtieġa.**

**Għandhom ikunu offruti gruppi għal dawk in-nanniet li jkollhom ir-responsabbiltà tan-neputijiet tagħhom għal xi ħinijiet tal-ġurnata.**

### 3.3.4. L-Introduzzjoni tat-Trobbija Bħala Parti mill-Kurrikulu tal-Iskola

Il-Personal Social and Career Development (PSCD) fl-iskejjel diġa' taċċenna għall-importanza tar-relazzjonijiet u l-imġiba prosoċjali. Tista' tagħmel pass ieħor 'il quddiem bl-introduzzjoni tat-trobbija bħala parti mill-kurrikulu tal-iskola ma' suġġetti mgħallma oħra.

**Ħidma**

**Il-ħolqien ta' sensittività akbar fost it-tfal dwar it-trobbija u t-tħejjija għal meta jsiru ġenituri għandhom ikunu parti mit-tagħlim fi ħdan il-PSCD u meqjusin bħala komponent siewi li jtejjeb il-kwalità u l-valur tal-edukazzjoni dwar ir-relazzjonijiet.**

### 3.4. Il-Qorti tal-Familja

Abela et al. (2013), Abela, Farrugia, Galea u Schembri (2012), u Casha (2014) indirizzaw id-diffikultajiet li jiffaċċjaw familji b'esperjenza ta' proċedimenti fil-qorti inkluż fir-rigward tat-tul li jieħdu, n-nefqa kbira fi spejjeż legali kif ukoll fi ħlasijiet professjonali lill-psikologi tat-tfal.

**Ħidma**

**Jinħatar tim ta' professjonisti li jagħtu għajnuna fil-Qorti tal-Familja.**

**Taħriġ kontinwu għal dawk il-professjonisti li jkunu qegħdin jagħtu servizz fil-Qorti tal-Familja.**

**Ġenituri li jkunu għaddejjin bi proċedimenti dwar separazzjoni jkunu mistennija jattendu l-programm edukattiv dwar ir-relazzjonijiet Focus on Kids (Schramm & Calix, 2011). L-iskop tal-programm huwa li jagħmel il-ġenituri konxji mill-importanza li jagħtu prijorità lill-bżonnijiet ta' wliedhom u t-trobbija pożittiva flimkien fi żmien meta l-familja tinsab għaddejja minn żmien diffiċli ħafna. Dan il-programm ikun evalwat bil-għajnuna tal-professjonisti li jkunu qegħdin jagħtu għajnuna fil-Qorti tal-Familja.**

### 3.5. Ir-Rwol tal-MFSS fil-Politika Strateġika Nazzjonali Għal Trobbija Pożittiva

L-MFSS se jkun qed jissorvelja t-twettiq tal-Politika Strateġika Nazzjonali dwar Trobbija Pożittiva billi jmexxi t-Task Force u jsegwi mill-qrib il-proġetti infrastrutturali meħtieġa biex ikun aċċertat li s-servizzi offruti jitwasslu bl-inqas xkiel.

### 3.5.1. Appoġġ lit-Trobbija fil-Kuntest tar-Riorganizzazzjoni tas-Servizzi fl-FSWS

L-FSWS dalwaqt se tkun għaddejja minn proċess qawwi ta' riorganizzazzjoni tal-istrutturi u s-servizzi tagħha. Żvilupp ewlieni se jkun il-bidla tal-FSWS minn Fondazzjoni għal Aġenzija. Wara l-introduzzjoni tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Ħarsien tat-Tfal, is-Servizzi għall-Ħarsien tat-Tfal (CPS) se jgħaddu mingħand l-aġenzija Appoġġ u direttament taħt ir-responsabbiltà tal-Qrati u l-Ministeru għall- Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali (MJCL). B'dan l-iżvilupp, il-care orders ma jibqgħux aktar joħorġu direttament mill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, iżda direttament minn Maġistrat, megħjun minn tim multi-dixxiplinarju.

### 3.5.2. Appoġġ lit-Trobbija Pożittiva fil-Kuntest ta' Tfal Taħt il-Kura Barra Minn Djarhom

ta' tfal taħt ħarsien barra minn djarhom permezz tal-prevenzjoni u l-intervent bikri. Is-servizzi għat-tfal fi ħdan l-FSWS jipprovdu appoġġ lil tfal li jkunu qegħdin joħduha ma' sfidi kbar u jeħtieġu ħarsien barrra d-dar imqar temporanjament. Is-Servizzi Għat-Tfal għandhom l-għan li jipprovdu opportunità aħjar għal sinerġija u tisħiħ tar-riżorsi f'dan il-qasam ta' xogħol speċjalizzat, biex hekk jingħata aktar appoġġ lill-ġenituri u carers oħra li jistgħu jkollhom sehem sinifikanti fil-ħajja tat-tfal.

Kif imniżżla fil-Manifest Elettorali tal-2013, il-proposta 07.017 tiddikjara:

> "Inwaqqfu Ċentru għall-Adozzjoni u Fostering biex iservi ta` punt fokali u ta` servizz f'dan il-qasam biex jipprovdi assistenza għal koppji interessati."

Is-servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-fostering u l-adozzjoni bħalissa jaqgħu fir-responsabiltà tal-FSWS. Sabiex tkun tista' titwettaq din il-proposta fil--manifest elettorali, qed ikun propost li titwaqqaf Aġenzija li tieħu ħsieb il-fostering u l-adozzjoni bis-servizzi attwali kollha jitpoġġew fi ħdanha. Servizzi ġodda fl-oqsma tal-fostering u l-adozzjoni wkoll isiru parti mir-responsabbiltà ta' din l-Aġenzija. L-għan huwa li din l-aġenzija tkun disinjata biex b'mod effiċjenti u effettiv toffri servizzi speċjalizzati lil ġenituri li jkunu se jadottaw, foster carers u tfal li jgħixu barra d-dar tal-familja. Element importanti f'dan ir-ristrutturar hija l-awtonomija tal-aġenzija. Waqt li l-aġenzija tibqa' tifforma parti mill-istruttura sħiħa tal-FSWS, tkun madankollu awtonoma u indipendenti mil-lat maniġerjali u amministrattiv.

Minħabba n-nuqqas ta' korsijiet imsejsa fuq l-evidenza għal ġenituri u foster carers (The Tavistock Centre for Couple Relationships [TCCR], 2015, April), hu propost li jkun hemm korsijiet li jitmexxew fuq l-istess linji ta' korsijiet ta' reputazzjoni tajba barra minn xtutna bħall-programm ta' appoġġ għal ġenituri adottivi mit-TCCR b'kollaborazzoni mal-British Association for Adoption and Fostering. L-istess jista' jingħad dwar it-taħriġ li hemm offrut għall-foster carers bħala parti mis-Circle Program ta' Victoria, fl-Awstralja, li fl-imgħoddi kien imfaħħar ħafna (Frederico et al., 2012). Iż-żieda fil-għadd ta' tfal u ġenituri ġejjin minn ambjenti kulturali diversi titlob għal korsijiet u min iħarreġ kulturalment aktar sensittivi. Huwa essenzjali li jsir studju ta' evalwazzjoni pre-post tat-tipi ta' programmi ta' taħriġ li se jkunu offruti.

Għandu jsir kull sforz biex jingħata appoġġ lil ġenituri adottivi, anki wara li tkun seħħet b'suċċess l-adozzjoni. L-istess għandu jsir ma' foster carers liema proċedura hija konsidrata bħala fattur ewlieni fis-suċċess ta' avviċinament terapewtiku fejn tidħol il-foster care. Mogħdijiet oħra jinkludu t-taħriġ ta' foster carers (b'aċċenn fuq l-iżvilupp tat-tfal, trawma u rabta); appoġġ terapewtiku għal, u sħubija mal-, ġenituri bioloġiċi; u appoġġ terapewtiku għat-tfal, inkluż sapport attiv fl-iskola (Frederico et al., 2012). Dan l-avviċinament jirrikjedi aktar riżorsi. Is-Servizzi Għat-Tfal jeħtieġ li jkunu mgħejjuna minn tim multi-dixxiplinarju biex ikun jista' jingħata servizz fil-waqt u speċjalizzat.

**Ħidma**

**Is-Servizzi Għat-Tfal għandhom l-għan li joffru opportunità aħjar għal sinerġija u tisħiħ tar-riżorsi għal dan il-grupp ta' tfal u l-familji tagħhom.**

**Isir screening ta' ġenituri adottivi u foster carers minn psikologu u social worker li jkunu ħadu taħriġ speċjalizzat fl-assessjar tar-rabta bejn tfal u ġenituri (attachment) u l-ħila li jevalwaw il-potenzjal ta' ambjent ta' trobbija pożittiva.**

**Fin-nuqqas ta' korsijiet imsejsa fuq l-evidenza għal ġenituri li jkunu se jadottaw u foster carers, jistgħu jiġu adottati korsijiet li kisbu reputazzjoni tajba barra minn Malta. Iż-żieda fil-għadd ta' tfal u ġenituri minn ambjenti kulturali diversi titlob għal korsijiet u taħriġ kulturalment sensittivi. Isir studju ta' evalwazzjoni pre-post.**

**Jibqa' jingħata appoġġ kontinwu lil ġenituri adottivi anki wara li tkun seħħet l-adozzjoni.**

**Għandu jingħata appoġġ kontinwu lil foster carers; taħriġ tal-foster carers; appoġġ terapewtiku għal, u sħubija mal-, ġenituri bioloġiċi; u appoġġ terapewtiku għat-tfal inkluż appoġġ attiv fl-iskola biex it-tfal taħt ħarsien ikunu provduti b'opportunità li jirnexxu.**

**Is-Servizzi Għat-Tfal jeħtieġu jkunu appoġġjati minn tim trans-dixxiplinarju biex tabilħaqq ikun jista' jiġi offrut servizz fil-waqt u speċjalizzat.**

**Is-Servizzi Għat-Tfal għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex ikunu attirati aktar foster carers li huma interessati jieħdu ħsieb tfal li ma jistgħux jittellgħu mill-ġenituri bioloġiċi tagħhom.**

**Foster carers li jkunu jiġu mit-tfal għandhom ikunu attivament kunsidrati.**

**Tfal taħt il-ħames snin li jkunu jeħtieġu kura u ħarsien barra d-dar tagħhom għandhom imorru ma' foster carers u mhux jitpoġġew f'ambjent residenzjali.**

### 3.5.3. Servizzi Komunitarji u Appoġġ Għall-Ġenituri fil-Kuntest ta' Strateġija Nazzjonali Għal Tnaqqis fil-Faqar u Għal Inklużjoni Soċjali

Matul is-sentejn li għaddew, kien hemm estenzjoni ġmielha tas-Servizzi Komunitarji. Dawk li kienu Ċentri ta' Aċċess komplew jissaħħu fi ħdan il-Proġett LEAP, b'10 FRCs jinfetħu f'numru ta' lokalitajiet, bħala parti mittwettiq tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali. Aktar minn hekk, kif kien propost fil-Manifest Elettorali tal-2013, proposta 07.058 hemm dikjarat:

> "Nagħtu l-akbar importanza lill-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal, inkluż dak relattiv, biex neqirduh għal kollox u darba għal dejjem."

Fid-dawl ta' dan, l-MFSS ħoloq u wettaq Strateġija Kontra l-Faqar li se tkun mifruxa fuq 9 snin. Bis-saħħa ta' din l-Istrateġija, hu stmat li kull sena madwar 370 familja se jkunu mgħejjuna joħorġu mir-riskju tal-faqar permezz ta' skemi, programmi u benefiċċji varji. L-iskema ewlenija biex dawn il-familji jinħarġu mir-riskju tal-faqar tistrieħ fuq l-impenn tagħhom fis-suq tax-xogħol, bil-mira tkun li madwar 570 ruħ fis-sena jkunu mgħejjuna jsibu mpjieg. Dan għandu jkun qed iħalli effett pożittiv fuq madwar 870 tifel u tifla dipendenti. B'hekk matul il-medda ta' 9 snin, se jkun hemm 3,330 familja mgħejjuna biex joħorġu mir-riskju tal-faqar permezz tal-introduzzjoni ta' 5,130 ruħ fl-impjieg, bir-riżultat ta' effett fuq 7,830 tifel u tifla.

### 3.5.4. Appoġġ lit-Trobbija Pożittiva fi Ħdan l-Aġenzija Sapport

L-Aġenzija Sapport taħdem b'risq il-persuni b'diżabiltà u l-familji tagħhom billi tipprovdilhom opportunitajiet ta' parteċipazzjoni sħiħa fil-ħajja tal-komunità. Minbarra li toffri appoġġ lill-ġenituri ta' tfal b'diżabiltà, l-aġenzija tgħin ukoll lil dawk il-ġenituri li huma nfushom għandhom diżabiltà.

Skont l-aħħar ċensiment li sar fl-2011, 3% tal-ġenituri bi tfal jiddependu fuqhom irrappurtaw li għandhom diżabiltà u għalhekk jistgħu jeħtieġu appoġġ akbar. Kuntrarju għall-perċezzjoni pubblika, persuni b'diżabiltà għandhom il-kapaċità jkunu ġenituri tajbin u juru determinazzjoni tremenda biex isibu modi kif jegħilbu x-xkiel u l-intoppi li jista' jkollhom minħabba d-diżabiltà. Madankollu l-familji ta' dawn il-ġenituri jistgħu jkunu jeħtieġu għajnuna akbar. Din tkun ta' sikwit offruta mill-familja estiża tagħhom, imma l-Istat joffri l-appoġġ tiegħu wkoll permezz tal-Aġenzija Sapport.

F'dan ir-rigward, ġenituri b'diżabiltà u/jew ġenituri li għandhom tfal żgħar b'diżabiltà jingħataw priorità mill-Aġenzija Sapport. L-impjegati fl-Aġenzija Sapport huma magħmulin l-aktar minn social workers, gradwati fil-psikoloġija u support workers. Huwa ferm importanti l-iżvilupp professjonali kontinwu ta' l-impjegati b'emfasi fuq ir-reżiljenza (Margalit & Kleitman, 2006) u l-mudell soċjali tad-diżabiltà (Oliver, 2004). Dan il-mudell huwa msejjes fuq konsultazzjoni kontinwa mal-ġenituri u t-tfal b'diżabiltà u jkun qed jgħin lill-professjonisti biex ikomplu jsaħħu lill-ġenituri fit-trobbija ta' wliedhom.

Din il-Politika Strateġika tħeġġeġ lill-għaqdiet volontarji (NGOs) biex jaħdmu aktar mill-qib mal-Aġenzija Sapport. Din in-nisġa ta' esperti u esperjenzi toffri lill-impjegati u l-familji b'opportunità biex jitnisslu sistemi ta' appoġġ waqt li jitgħallmu mill-istejjer ta'suċċess ta' xulxin.

**Ħidma**

**L-iżvilupp professjonali kontinwu tal-impjegati b'emfasi fuq ir-reżiljenza u l-mudell soċjali tad-diżabiltà msejjes fuq konsultazzjoni kontinwa mal-ġenituri u t-tfal b'diżabiltà jgħinu lill-professjonisti biex isaħħu lill-ġenituri fit-trobbija ta' wliedhom.**

**Ġenituri b'diżabiltà u/jew ġenituri li għandhom tfal b'diżabiltà u l-familji tagħhom għandhom ikunu provduti b' appoġġ psikoloġiku u terapija tal-familja f'waqthom.**

### 3.5.5. Appoġġ lit-Trobbija Pożittiva Permezz tal-Family Welfare Services

L-Aġenzija Appoġġ toffri għażla wiesgħa ta' servizzi għat-tfal u l-familji tagħhom li jsibu ruħhom f'ċirkustanzi diffiċli. Dawn is-servizzi huma fil-biċċa l-kbira minnhom speċjalizzati u jinkludu s-Servizzi Dwar Vjolenza Domestika, żjarat b'aċċess sorveljat, Servizzi Psikoloġiċi u Servizzi ta' Terapija Għall-Familja.

#### 3.5.5.1. Is-Servizzi Dwar Vjolenza Domestika

Is-Servizzi Dwar Vjolenza Domestika joffru appoġġ lil dawk l-adulti u t-tfal tagħhom li jkunu qegħdin ibatu minn abbuż fil-familja u f'relazzjonijiet intimi. Is-servizz jaħseb ukoll biex jipprovdi kenn lil nisa u tfal li jkun jeħtiġilhom jitilqu mid-dar minħabba kwistjoniijiet ta' sigurtà. Il-kontroll fuq imġiba aggressiva jgħin biex dawk li jwettquha jieħdu r-responstabbiltà għall-imġiba tagħhom. Għalkemm is-Servizzi Dwar Vjolenza Domestika humma offruti kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel, fil-preżent m'hemm l-ebda servizz speċifiku għal irġiel li jkunu vittmi tal-vjolenza. Barra minn hekk, tfal li jkunu assistew għal vjolenza domestika jkunu riferiti għand psikologu. Madankollu, minħabba d-domanda qawwija għal dan is-servizz, dawn it-tfal x'aktarx jispiċċaw fuq lista ta' stennija. Meta tieqaf il-vjolenza, xi familji jkunu riferiti għas-Servizzi ta' Terapija Għall-Familja waqt li dawk il-membri individwali li jkunu jeħtieġu psikoterapija jkunu riferiti għas-Servizzi Psikoloġiċi.

Huwa rakkomandat li s-Servizzi Dwar Vjolenza Domestika għandhom jiffukaw aktar fuq it-trobbija fil-kuntest ta' vjolenza domestika, kemm għall-ommijiet u l-missirijiet separatament kif ukoll flimkien meta ma jkunx hemm problema ta' sigurtà (Featherstone, White, & Morris, 2014; Sammut Scerri, 2015). Is-Servizzi ta' Terapija Għall-Familja u s-Servizzi Dwar Vjolenza Domestika għandhom bżonn jiżviluppaw l-ispeċjalità tagħhom fi ħdan dan il-metodu sistemiku tax-xogħol. Bħala bidu għal dan l-iżvilupp, jistgħu jgħinu l-kontrolli ta' rutina li jsiru dwar vjolenza domestika waqt il-viżti ta' qabel it-twelid fl-Isptar Mater Dei u r-referenzi li joħorġu minn dan l-iscreening, biex hekk tingħata prijorità għal intervent bikri skont l-istess prinċipji ta' din il-Politika.

Il-professjonisti jridu jżommu quddiem għajnejhom id-distinzjoni bejn vjolenza tas-sitwazzjoni (Johnson, 2008) fejn l-argumenti joktru imma "m'hemmx differenza sinifikanti fil-frekwenza u s-severità tal-imġiba vjolenti tal-irġiel u n-nisa" (van Lawick, 2014, p. 76) u t-terroriżmu intimu fejn persuna waħda, normalment raġel, titterorizza oħra. Għandu jkun hemm ukoll servizz għal irġiel vittmi tal-vjolenza.

## Ħidma

**Għandu jingħata taħriġ speċjalizzat lil dawk il-professjonisti li jkunu qegħdin jaħdmu fil-qasam ta' vjolenza domestika sabiex il-missirijiet ikunu nvoluti mhux biss minħabba l-imġiba abbużiva tagħhom imma anki fir-rwol tagħhom bħala missirijiet.**

**L-ommijiet ukoll għandhom ikunu offruti servizz li permezz tiegħu tkun appoġġjata t-trobbija li jkunu qegħdin jagħtu fil-kuntest ta' vjolenza domestika.**

**Fejn jinħass il-bżonn u fejn is-sigurtà ma tkunx aktar mhedda, il-ġenituri u t-tfal jistgħu jkunu offruti terapija għall-familja minflok terapija individwali.**

### 3.5.5.2. Żjarat t'Aċċess Sorveljati

L-Aġenzija Appoġġ toffri spazji siguri u ideali għat-tfal fejn ikunu jistgħu jsiru żjarat t'aċċess sorveljati. Dawk l-uffiċjali li jkunu qegħdin jissorveljaw dawn iż-żjarat għandhom rwol importanti fil-ħidma biex matulhom il-ġenituri u t-tfal jersqu aktar qrib ta' xulxin. F'dan ir-rigward jinħass li dawn l-uffiċjali jeħtieġ ikunu mħarrġa fuq kif jistgħu jgħinu lill-ġenituri jtejbu r-relazzjonijiet tagħhom ma' wliedhom. L-uffiċjali tas-sorveljanza wkoll jeħtieġ ikollhom superviżjoni regolarment bil-ħsieb li jkunu f'qagħda li jiddiskutu l-isfidi u d-dilemmi li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom fil-qadi delikat ta' dmirijiethom.

## Ħidma

**Dawk l-uffiċjali li jkunu qegħdin jissorveljaw iż-żjarat t'aċċess għandhom rwol importanti fil-ħidma biex matulhom il-ġenituri u t-tfal jersqu aktar qrib ta' xulxin.**

**L-istess uffiċjali jeħtieġu jkollhom aġġornament professjonali kontinwu fuq kif jistgħu jgħinu lit-tfal u l-ġenituri jtejbu r-relazzjonijiet ta' bejniethom.**

**Iridu wkoll ikollhom superviżjoni regolarment bil-ħsieb li jkunu f'qagħda li jiddiskutu l-isfidi u d-dilemmi li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom fix-xogħol tagħhom.**

### 3.5.5.3. Servizzi Dwar Abbuż mis-Sustanzi u Logħob tal-Ażżard

Trobbija pożittiva hija kruċjali wkoll fejn jidħlu familji b'diffikultajiet ta' vizzju. L-Aġenzija Sedqa toffri servizzi lil klijenti bi problemi ta' abbuż minn alkoħol, droga u logħob tal-ażżard inklużi servizzi ta' ditossifikazzjoni u servizzi residenzjali. Għandhom jitwasslu servizzi komunitarji kemm permezz ta' interventi fl-uffiċċju kif ukoll fid-dar, bil-għan li jkunu provduti servizzi personalizzati lill-klijenti u l-persuni qrib tagħhom. Tim ta' professjonisti fit-terapija psikoloġika u għall-familja wkoll joffri servizzi lil dan is-settur partikolari tal-popolazzjoni.

Minbarra l-programmi attwali, ir-Rapport Nazzjonali Dwar is-Sitwazzjoni tal-Vizzju tad-Droga f'Malta isemmi programmi komunitarji li jinkludu programmi dwar il-ħiliet tal-ġenituri u forom oħra ta' tagħlim fl-iskejjel u fl-Aġenzija Sedqa. F'termini ta' terapija, fir-Rapport ma jissemmiex l-intervent permezz tat-terapija għal-familja minkejja l-fatt li din it-terapija hija meqjusa bħala l-aħjar kura għal persuni li jkunu qegħdin ibatu minn abbuż ta' sustanzi (Rowe, 2012) u logħob tal-ażżard (Kourgiantakis, Saint-Jacques, & Tremblay, 2013).

Aktar minn hekk, huwa rakkomandat li tkun introdotta l-MST, li hija kura msejsa fuq l-evidenza (Rowe, 2012). Din il-kura bil-familja bħala bażi għandha l-għan li tgħin fil-komunità lil dawk il-familji fejn ikun hemm delinkwenti żgħażagħ kroniċi, vjolenti jew jabbużaw mis-sustanza u li jkunu f'riskju li jitpoġġew taħt ħarsien barra d-dar tal-familja. Dan l-intervent għandu jservi ta' għajnuna biex iż-żgħażagħ jinqatgħu mid-droga u biex jitnaqqas in-numru ta' delinkwenti żgħażagħ li ta' sikwit jispiċċaw imsakkrin fil-Young Offenders Unit Rehabilitation Service (YOURS).

**Ħidma**

**Is-Servizzi ta' Terapija Għall-Familja għandhom jiġu meqjusa bħala l-aħjar kura għal persuni li jkunu qegħdin ibatu minn abbuż ta' sustanzi u logħb tal-azzard.**

**L-MST tkun meqjusa bħala kura tal-għażla li għandha l-għan li tgħin fil-komunità lil dawk il-dawk il-familji b'żgħażagħ delinkwenti li huma kroniċi, vjolenti jew jabbużaw mis-sustanza u li huma f'riskju li jitpoġġew taħt ħarsien barra d-dar tagħhom.**

### 3.5.6. Il-Ħolqien ta' FRCs fil-Komunità

L-FRCs introdotti fil-komunità mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex huma punti eċċellenti ta' riferenza meqjusin bħala ideali fil-provista ta' għajnuna lil familji bi tfal li jiddependu minnhom permezz ta' pariri, appoġġ, kuntatti ma' servizzi oħra u terapija (Abela, Casha, et al., 2012). Il-ħolqien tagħhom ikun qed jimla' vojt fis-servizzi komunitarji għall-familji billi titwassal informazzjoni, jingħata appoġġ u pariri fl-ewwel stadji ta' diffikultà li jkunu qegħdin jiffaċċjaw, u hekk jgħinuhom jibqgħu f'saħħithom. Minbarra li jiżdiedu s-servizzi offruti, jistgħu jservu ta' kuntatt bejn is-servizzi fil-komunità, u b'hekk tkun evitata d-dupplikazzjoni. Professjonisti oħra bħal psikologi, counsellors jew timijiet li joffru terapija għall-familja jistgħu jintervjenu meta l-familji jew il-koppji jkunu jeħtieġu terapija.

L-FRCs jinkludu wkoll professjonist fil-qasam tal-iżvilupp fil-komunità bħala parti mit-tim trans-dixxiplinarju. L-aspett kulturali u soċjali tal-FRCs jipprovdi lill-familji f'dawk l-inħawi partikolari l-opportunità li jkunu flimkien u jiffurmaw għejjun importanti ta' appoġġ. L-FRCs jaħdmu wkoll mill-qrib ma' għaqdiet volontarji (NGOs) li lesti jagħtu jew diġà qegħdin jagħtu kontribut prezzjuż lill-familji.

**Ħidma**

**L-introduzzjoni ta' FRCs fil-komunità f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex tgħin biex dawn iservu ta' punt eċċellenti ta' riferenza fl-appoġġ għall-bżonnijiet ta' familji bi tfal li jiddependu minnhom permezz tal-għoti ta' pariri, appoġġ u terapija.**

**L-introduzzjoni tagħhom tkun qed timla vojt importanti fis-servizzi komunitarji għall-familji billi jkunu offruti informazzjoni, appoġġ u pariri fl-ewwel stadji ta' xi diffikultà u hekk il-familji jkunu mgħejjuna jibqgħu f'saħħithom.**

**L-FRCs jistgħu jservu wkoll ta' lok importanti ta' tlaqqiegħ fil-komunità permezz ta' numru ta' attivitajiet \ kulturali u soċjali.**

**Minbarra li jiżdiedu s-servizzi offruti, l-FRCs jistgħu jservu ta' kuntatt bejn l-istess servizzi komunitarji, biex hekk tkun evitata d-dupplikazzjoni**

### 3.6. It-Twassil fil-Komunità ta' Programmi Dwar it-Trobbija

#### 3.6.1 Il-Programm Parents as Partners

programmi relatati, u r-riżultat miksub minnhom kien titjib rikonoxxut fil-mod kif il-ġenituri jikkomunikaw mat-tfal (Sanders, 2008). Ħafna minn dawn il-programmi kienu jiffukaw direttament fuq il-ħiliet tal-ġenituri. F'Malta dan għadu l-każ u l-konċentrazzjoni baqgħet fuq it-tagħlim tradizzjonali tal-ħiliet tal-ġenituri li għalih jattendu l-aktar l-ommijiet. Madankollu Cowan, Cowan, Pruett, Pruett, u Wong (2009, p. 676) jirrappurtaw li meta kien hemm imdaħħal il-missier fil-gruppi ta' trobbija, kien possibli li "l-esperjenza tal-ġenituri fil-gruppi nfushom, id-diskussjonijiet dwar l-iżvilupp tat-tfal, u s-sodisfazzjon relattivament akbar għall-koppji u l-komunikazzjoni ta' bejniethom flimkien għenu biex it-tfal jiġu mħarsa minn żieda fl-aggressjoni, attività eċċessiva, dipressjoni, u mġiba ta' mistħija jew iżolazzjoni".

#### 3.6.2. Il-Programm The Incredible Years

Il-programm The Incredible Years jindirizza tfal minn familji bi dħul baxx, livell baxx ta' edukazzjoni, stressjati, jew iżolati, familji b'ġenitur wieħed/waħda, u familji fejn hemm inkwiet konsiderevoli, dipressjoni materna, jew abbuż mid-droga, li jkunu f'riskju partikolarment għoli minn żvilupp ta' mġiba ħażina (conduct disorder, CD) (irreferi għal http://incredibleyears.com). Tfal b'ġenituri li juru sinjali ta' dixxiplina inkonsistenti, fiżikament abbużiva jew kritika wkoll huma f'riskju kbir ta' CD (Ogbu, kif imsemmi minn Foley, 2004), kif inhuma tfal b'ġenituri maqtugħin minnhom u mill-esperjenzi tat-tfal tagħhom fl-iskola.

Il-kors huwa msejjes fuq prinċipji stabiliti ta' tagħlim dwar l-imġiba soċjali li jispjegaw kif wieħed jitgħallem din l-imġiba u kif l-imġiba tista' tinbidel. Il-qalba ta' dan il-metodu hija l-idea sempliċi li n-nies jistgħu jinbidlu bħala riżultat tal-interazzjoni li jkollhom ta' kuljum ma' xulxin. L-aċċenn qiegħed fuq li tkun imħeġġa interazzjoni aktar pożittiva tal-ġenituri ma' wliedhom u fuq kif tista' tinbidel ir-reazzjoni tal-ġenituri għal imġiba speċifika tat-tfal.

### 3.6.3. L-Użu ta' Modi Varji fit-Twassil ta' Korsijiet Dwar it-Trobbija

Kitba bi studji Anglo-Amerikani fuq programmi dwar trobbija f'dawn l-aħħar snin iffukat fuq kif trobbija pożittiva tista' tkun aċċessibli għal numru akbar ta' familji permezz ta' mezzi differenti tal-media fosthom programmi fuq it-televiżjoni u l-internet (Sanders et al., 2008). Instab li dawn il-programmi jkollhom effett pożittivi fit-tul fuq diversi sitwazzjonijiet ta' trobbija f'kuntesti kulturali differenti (Morawska et al., 2011). Meta tqis li ħafna ġenituri jsibuha diffiċli biex jimxu fuq l-orarju tal-korsijiet minħabba li huma mħabbtin, ir-riżultati miksubin f'pajjiżi oħra permezz ta' dawn il-programmi fil-media għandhom jawguraw tajjeb għas-suċċess tagħhom f'pajjiżna (Morawska et al., 2011; Sanders et al., 2008).

**Ħidma**

**Ikun offrut fuq il-media programm dwar it-trobbija bil-għan li jkattar fost il-pubbliku għarfien aħjar ta' trobbija pożittiva**

### 3.7. Servizzi Terapewtiċi fid-Dar

Apparti l-preżenza ta' timijiet trans-dixxiplinarji f'kull FRC, s-servizzi komunitarji għandhom x'jibbenefikaw mill-provista ta' servizz ta' terapija fid-dar. L-ewwel tip ta' terapija fid-dar hija t-terapija sistemika tal-familja. Minbarra t-terapija din tinkorpora wkoll appoġġ lill-familja u interventi waqt li tersaq lejn familji li ma jfittxux li jagħmlu użu mis-servizzi minkejja kemm tassew ikunu jeħtiġuhom. Din it-tip ta' terapija fid-dar ilha offruta f'pajjiżi oħra bħall-Olanda (van Lawick & Bom, 2008) u fir-Renju Unit (Sammut, 2010). Ir-riċerka wriet li din it-terapija tista' tilħaq familji li jinsabu emarġinati u jinsabu fir-riskju li jaraw it-tfal jittieħdu minn taħt idejhom.

**Ħidma**

**Tkun offruta terapija fid-dar lil dawk il-familji li ma jkunux lesti jużaw is-servizzi iżda għandhom bżonn kbir ta' għajnuna, u bir-riskju li jaraw it-tfal tagħhom jittieħdu minn taħt idejhom. Dan ikun jista' jsir kemm-il darba l-proġett pilota taċ-Ċentru LEAP fil-Qawra jibda jagħti riżultati tajbin.**

### 3.8. Taħriġ fit-Terapija Multi-Sistemika

L-MFSS qed joffri wkoll taħriġ lil professjonisti bħal social workers, psikologi, terapisti għall-familja u counsellors, fl-MST bil-ħsieb li jkunu mgħejjuna familji b'delinkwenti żgħażagħ kroniċi, vjolenti jew jabbużaw mis-sustanza u li jinsabu f'riskju li jitpoġġew taħt ħarsien barra d-dar. It-taħriġ qed ikun offrut permezz tan-Norwegian Centre for Child Behavioural Development. L-MST hija wkoll kura li tingħata fid-dar.

**Ħidma**

**Taħriġ fl-MST se jkun qed jingħata lill-professjonisti.**

**La darba jkunu mħarrġin, it-terapisti jkunu jistgħu jgħinu lil dawk il-familji b'żgħażagħ delinkwenti kroniċi, vjolenti jew jabbużaw bis-sustanza u f'riskju li jitpoġġew taħt ħarsien barra d-dar.**



‘Tarbija tit-
wieled tfittex
l-imħabba u
ma tieqaf qatt
tfittixha’

Frank A. Clark

# 4 IL-ĦOLQIEN TA' FORUM GĦAT-TFAL FI ĦDAN L-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL

B'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Kunsill Għat-Tfal fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għat-Tfal għandu jservi ta' forum għal diskussjoni fejn it-tfal jingħataw l-opportunità jwasslu l-fehmiet tagħhom fuq il-familji tagħhom u fuq is-soċjetà in ġenerali. Il-fehmiet tat-tfal għandhom ikunu analizzati u utilizzati fl-aġġornament tal-Politika. Il-Forum Għat-Tfal irid jassigura li tfal minn gruppi minoritarji huma rappreżentati u jistgħu jagħtu sehem sħiħ fid-diskussjoni. Għandhom isiru laqgħat regolari tal-Forum Għat-Tfal. It-Task Force inkarigata mill-Politika Strateġika tara li ssejjaħ laqgħa mal-Forum Għat-Tfal kull sena sabiex tisma' dak li għandhom xi jgħidu t-tfal fir-rigward tat-trobbija. Għandu jsir kull sforz biex jitwasslu l-fehmiet tat-tfal dwar il-Politika Strateġika waqt l-eżerċizzju tat-twettiq tagħha.

## Ħidma

**Jitwaqqaf Forum Għat-Tfal fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għat-Tfal fejn it-tfal ikollhom laqgħat regolari li fihom jiddiskutu l-fehmiet tagħhom dwar it-trobbija.**

**It-Task Force inkarigata mill-Politika Strateġika ssejjaħ laqgħa ta' kull sena mal-Forum Għat-Tfal.**

**Għandu jsir kull sforz biex jitwasslu l-fehmiet tat-tfal dwar il-Politika Strateġika waqt l-eżerċizzju tat-twettiq tagħha.**



‘Toqgħodx tinkwieta li t-tfal qatt ma jisimgħu minnek; inkwieta li qegħdin il-ħin kollu josservawk’

Robert Fulghum

# 5 IT-TWETTIQ

It-Task Force maħtura mill-Ministru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali tkun responsabbli mit-tnedija u t-twettiq tal-Politika Strateġika. It-Task Force tkun responsabbli wkoll biex tagħmel reviżjoni tal-Politika fl-ewwel kwart tal-2019 u 2022.

### 5.1. Impenji Speċifiċi Għat-Twettiq

Twaqqif tat-Task Force: Novembru 2016

Kampanja fil-media: Novembru 2016 sa Mejju 2017

Ħolqien ta' sistema kompjuterizzata: Mejju 2017 sa Novembru 2017

Ħidma fuq il-Politika fil-qasam tas-Saħħa: Novembru 2016 sa Novembru 2017

Ħidma fuq il-Politika fil-qasam taċ-Childcare: Novembru 2016 sa Novembru 2017

Ħidma fuq il-Politika fil-qasam Edukattiv: Novembru 2016 sa Diċembru 2017

Ħidma fuq il-Politika fil-qasam tal-Ġustizzja: Novembru 2016 sa Novembru 2017

Ħidma fuq il-Politika fil-qasam tal-Familja u Solidarjetà Soċjali: Novembru 2016 sa Novembru 2017

# REFERENZI


Abela, A., Abdilla, N., Abela, C., Camilleri, J., Mercieca, D., & Mercieca, G. (2012). Children in out-of-home care in Malta: Key findings from a series of three studies commissioned by the Office of the Commissioner for Children. Malta: Office of the Commissioner for Children.

Abela, A., Casha, C., Borg Xuereb, R., Clark, M., Inguanez, J., & Sammut Scerri, C. (2012). The needs of Maltese families with dependent children: A focus group study among professionals. Bank of Valletta Review, (45), 55-86. Retrieved from https://www.bov.com/content/bov-review

Abela, A., Farrugia, R., Casha, C., Galea, M., & Schembri, D. (2013). The relationship between Maltese adolescents and their parents (Department of Family Studies Research Report No.1). Malta: Office of the President of Malta.

Abela, A., Farrugia, R., Galea, M., & Schembri, D. (2012). The relationship between parents and their adolescent children with special reference to consensual and contentious separations. International Journal of the Jurisprudence of the Family, 3, 111-143. Retrieved from http://www.iasjf.org/journal

Abela, A., & Renoux, M. C. (2014). Families living on the margin in affluent societies. In A. Abela & J. Walker (Eds.), Contemporary issues in family studies: Global perspectives on partnerships, parenting and support in a changing world (pp. 302-316). Chichester, England: Wiley Blackwell.

Borg Xuereb, R. (2008). The needs of Maltese first-time parents during their transition to parenthood: Implications for the development of an educational programme (Unpublished doctoral thesis). Malta: University of Malta.

Carlson, M. J., & McLanahan, S. S. (2006). Strengthening unmarried families: Could enriching couple relationships also improve parenting? Social Service Review, 80(2), 297-321. doi: 10.1086/503123

Casha, C. (2014). A qualitative study of Maltese families in which fathers default on child maintenance (Unpublished Master's dissertation). Malta: University of Malta.

Cowan, P. A., Cowan, C. P., Pruett, M. K., Pruett, K., & Wong, J. J. (2009). Promoting fathers' engagement with children: Preventive interventions for low-income families. Journal of Marriage and Family, 71(3), 663-679. doi:10.1111/j.1741-3737.2009.00625.x

Daly, M. (2011). Building a coordinated strategy for parenting support: Synthesis Report [Peer Review in Social Protection and Social Inclusion 2011]. Retrieved from European Commission Directorate-General for Employment, Social Affairs and Inclusion website:  http://www.ec.europa.eu/social

Daly, M. (2013). Parenting support policies in Europe. Families, Relationships and Societies, 2(2), 159-174. doi:10.1332/204674313X666886

Daly, M. (Ed.). (2007). Parenting in contemporary Europe: A positive approach. Strasbourg, France: Council of Europe.

European Commission. (2016, March). Over 5.1 million babies born in 2014 (Press Release). Luxembourg City, Luxembourg: Author. .

European Union Agency for Fundamental Rights. (2014). Violence against women: An EU-wide survey – Main results. Retrieved from http://fra.europa.eu/en/publication/2014/vaw-survey-main-results

Farrugia, T. (2014). The lived experience of couples in remarried relationships following divorce in Malta (Unpublished Master's dissertation). Malta: University of Malta.

Featherstone, B., White, S., & Morris, K. (2014). Re-imagining child protection: Towards humane social work with families. Bristol, England: The Policy Press.

Feinberg, M. E., & Kan, M. L. (2008). Establishing family foundations: Intervention effects on coparenting, parent/ infant well-being, and parent-child relations. Journal of Family Psychology, 22(2), 253-263. doi: 10.1037/0893-3200.22.2.253

Foley, D. (2004). Ogbu's theory of academic disengagement: Its evolution and its critics. Intercultural Education, 15(4), 385-397. doi: 10.1080/1467598042000313412

Foster, E. M., Prinz, R. J., Sanders, M. R., & Shapiro, C. J. (2008). The costs of a public health infrastructure for delivering parenting and family support. Children and Youth Services Review, 30(5), 493-501. doi: 10.1016/j.childyouth.2007.11.002

Frederico, M., Long M., McNamara, P., McPherson, L., Rose, R., & Gilbert, K. (2012). The Circle Program: An evaluation of a therapeutic approach to foster care. Retrieved from the Centre for Excellence in Child and Family Welfare website: http://www.cfecfw.asn.au

Government of Malta. (2002). Malta national report. Retrieved from University of Malta website: http://www.um.edu.mt/__data/assets/pdf_file/0006/63699/Malta_WSSD.pdf

Greene, S. M., Anderson, E. R., Forgatch, M. S., DeGarmo, D. S., & Hetherington, E. M. (2012). Risk and resilience after divorce. In F. Walsh (Ed.), Normal family processes: Growing diversity and complexity (4th ed., pp.102-127). New York, NY: Guilford Press.

Johnson, M. P. (2008). A typology of domestic violence. Boston, MA: Northeastern University Press.

Kohler, H. P, Billari, F. C., & Ortega, J. A. (2001, October). Towards a theory of lowest-low fertility (MPIDR Working Paper WP 2001-032). Rostock, Germany: Max Planck Institute for Demographic Research.

Kourgiantakis, T., Saint-Jacques, M. C., & Tremblay, J. (2013). Problem gambling and families: A systematic review. Journal of Social Work Practice in the Addictions, 13(4), 353-372. doi: 10.1080/1533256X.2013.838130

Lee, V. E., & Burkam, D. T. (2002). Inequality at the starting gate: Social background differences in achievement as children begin school. Washington, DC: Economic Policy Institute.

Margalit, M. & Kleitman, T. (2006). Mothers' stress, resilience and early intervention. European Journal of Special Needs Education, 21(3), 269-283. doi: 10.1080/08856250600810682

Ministry for the Family and Social Solidarity. (2014). National strategic policy for poverty reduction and for social inclusion: Malta 2014-2024. Malta: Author.

Morawska, A., Sanders, M., Goadby, E., Headley, C., Hodge, L., McAuliffe, C., Pope, S., & Anderson, E. (2011). Is the Triple P-Positive Parenting Program acceptable to parents from culturally diverse backgrounds? Journal of Child Family Studies, 20(5), 614-622. doi: 10.1007/s10826-010-9436-x

Moullin, S., Waldfogel, J., & Washbrook, E. (2014). Baby bonds: Parenting, attachment and a secure base for children. Retrieved from the Sutton Trust website: http://www.suttontrust.com/researcharchive/baby-bonds

National Family Commission. (2002). Report on the conference 'Building Bridges: Networking between Family Services'. Retrieved from https://mfss.gov.mt/en/NFC/Pages/Publications.aspx

National Statistics Office. (2001, March). Labour force survey (News release). Malta: Author.

National Statistics Office. (2011). Demographic review 2010. Retrieved from http://nso.gov.mt/en/publicatons/Pages/Publications-by-Date.aspx

National Statistics Office. (2014). Census of population and housing 2011: Final report. Retrieved from http://nso.gov.mt/en/publicatons/Pages/Publications-by-Date.aspx

National Statistics Office. (2014, May). International day of families: 2014 (News Release). Malta: Author.

National Statistics Office. (2015, July). Key indicators on the labour market: 2005-2014 (News Release). Malta: Author.

National Statistics Office. (2015, June). Statistics on income and living conditions 2013: Focus on children and the elderly (News Release). Malta: Author.

Oliver, M. (2004). The social model in action: If I had a hammer. In C. Barnes & G. Mercer (Eds.), Implementing the social model of disability: Theory and research (pp. 18-31). Leeds, England: The Disability Press.

Rowe, C. L. (2012). Family therapy for drug abuse: Review and updates 2003-2010. Journal of Marital and Family Therapy, 38(1), 59-81. doi: 10.1111/j.1752-0606.2011.00280.x

Sammut, C. (2010, August). Systemic therapy within family support and intervention. Context, 44-46.

Sammut Scerri, C. (2015). Living with contradictions of love and violence: A grounded theory study of women's understanding of their childhood experiences of domestic violence (Unpublished doctoral thesis). Guildford, England: University of Surrey.

Sanders, M., Calam, R., Durand, M., Liversidge, T., & Carmont, S. A. (2008). Does self-directed and web-based support for parents enhance the effects of viewing a reality television series based on the Triple P-Positive Parenting Programme? Journal of Child Psychology and Psychiatry, 49(9), 924-932. doi: 10.1111/j.1469-7610.2008.01901.x

Sanders, M. R. (2008). Triple P-Positive Parenting Program as a public health approach to strengthening parenting. Journal of Family Psychology, 22(4), 506-517. doi:10.1037/0893-3200.22.3.506

Schramm, D. G., & Calix, S. (2011). Focus on Kids: Evaluation of a research-based divorce education program. Journal of Divorce and Remarriage, 52(7), 529-549. doi: 10.1080/10502556.2011.615662

Steele, H., & Steele, M. (2008). On the origins of reflective functioning. In F. N. Busch (Ed.), Mentalization: Theoretical considerations, research findings, and clinical implications. New York, NY: Taylor & Francis.

The Tavistock Centre for Couple Relationships. (2015, April). Tavistock Centre for Couple Relationships wins major adoption grant (Press Release). London: Author.

van Lawick, J. (2014). Couple and family dynamics and escalations in violence. In A. Abela & J. Walker (Eds.), Contemporary issues in family studies: Global perspectives on partnerships, parenting and support in a changing world (pp. 74-86). Chichester, England: Wiley-Blackwell.

van Lawick, J., & Bom, H. (2008). Building bridges: Home visits to multi-stressed families where professional help reached a deadlock. Journal of Family Therapy, 30(4), 504–516. doi: 10.1111/j.1467-6427.2008.00435.x

Vella, M. (2012, June 5). Heartening change in attitudes to put gay unions on political agenda. Malta Today. Retrieved from: http://www.maltatoday.com.mt

Zammit, M. C. (2014, February 18). Family expert says homosexuality still carries stigma. Malta Today. Retrieved from: http://www.maltatoday.com.mt